# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(Agent President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 8 ta' Mejju 2017**

**Numru 1**

**Rikors numru 8/11 JRM**

**Anthony P. Farrugia**

**v.**

**L-Onorevoli Prim Ministru, L-Avukat Generali,**
**Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud,**
**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**<u>Preliminari</u>**

Dawn huma zewg appelli, wiehed maghmul mill-konvenuti u l-iehor maghmul mill-attur. Il-konvenuti appellaw kemm mis-sentenza preliminari moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, fis-17 ta' Novembru 2011 [is-sentenza

preliminari] li permezz taghha dik il-Qorti cahdet l-ewwel tliet eccezzjonijiet bl-ispejjez kontra taghhom, kif ukoll appellaw mis-sentenza [is-sentenza finali] moghtija mill-istess Qorti fil-5 ta’ April 2016. Min-naha tieghu l-attur appella biss mis-sentenza finali.

Permezz ta’ din l-ahhar sentenza dik il-Qorti ddecidiet li, fil-konfront tal-attur, sar ksur tad-dritt fundamentali tieghu kontemplat fl-Artikolu 39[9] tal-Kostituzzjoni ta’ Malta [il-Kostituzzjoni] u tal-Artikolu 4 tas-Seba’ Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [il-Konvenzjoni] u ordnat it-thassir tas-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali [il-Qorti tal-Magistrati] “*limitatament safejn dawk is-sentenzi ikkundannaw lill-istess rikorrent ghall-hlas ta’ multi b’rizultat ta’ sentenzi ohra li nghataw kontrih qabel minn dik l-istess Qorti u dwar l-istess fatt.*”; ordnat ukoll li l-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet, filwaqt li dawk marbutin mas-sentenza preliminari jithallsu kif ordnat f’dik is-sentenza.

**<u>Mertu</u>**

2. Il-pretensjoni tal-attur f’din il-kawza hi li l-applikazzjoni fil-konfront tieghu tad-dispozizzjonijiet tal-Att tal-1998 dwar it-Taxxa dwar il-Valur Mizjud [Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta] indikati minnu fir-rikors promotur, garrbitlu ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu, senjatament:

id-drittijiet fundamentali tieghu kontemplati fl-Artikoli 39[9] u 37 tal-Kostituzzjoni, u fl-Artikolu 6, u fl-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni, u fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

**Is-Sentenza Preliminari [17 ta' Novembru 2011]**

3. Din tirrigwarda l-ewwel tliet eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenuti li huma: [1] li l-intimat Onorevoli Prim Ministru m'ghandux locus standi fil-proceduri odjerni fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili; [2] il-karenza ta' interess guridiku tal-attur li jipproponi l-proceduri odjerni b'referenza ghall-Artikolu 83[3] tal-Kap 406 stante li huwa kien ammetta l-akkuzi quddiem il-Qorti tal-Magistrati u ma appellax mis-sentenzi ta' dik il-Qorti; [3] li l-attur naqas milli juza r-rimedji ordinarji disponibbli ghalih, meta naqas milli jappella minn xi wahda jew aktar mis-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati li bihom kien instab hati tal-akkuzi kriminali mressqa kontra tieghu, kif ukoll talli naqas milli jitlob referenza kostituzzjonali f'dawk il-proceduri ghal-lezjoni tad-drittijiet fundamentali pretizi fil-proceduri odjerni.

4. L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

"Illi r-rikorrent qiegħed jgħid li ġarrab il-ksur tal-jeddijiet tiegħu għat-tgawdija bil-kwiet ta' ħwejġu, tad-dritt għal smigħ xieraq, tad-dritt li ma jġorrx piena għal aktar minn darba għall-istess reat u għall-kumpens xieraq għat-teħid ta' ħwejġu, minħabba l-fatt li huwa kien għadda minn proċeduri kriminali meħudin kontra tiegħu għal ksur ta' obbligazzjonijiet taħt l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud[1] u mis-sejbien ta' ħtija tiegħu f'dawk il-proċeduri;

"Illi għal dik l-azzjoni, l-intimati laqgħu billi, b'mod preliminari, qalu (i) li l-Prim Ministru ma kellux ikun imħarrek f'din il-kawża, (ii) li r-rikorrent m'għandux interess biex jilminta mill-artikolu 83 tal-Att ladarba huwa ammetta l-akkużi li kienu saru kontra tiegħu u billi ma nqediex bir-rimedju li kellu li ma talabx lill-Qorti li quddiemha tressaq mixli biex tirreferi l-każ dwar l-allegati ksur ta' jedd findamentali quddiem din il-Qorti u (iii) li naqas milli jinqeda b'rimedju ordinarju li jappella mis-sentenzi mogħtijin kontrih. Laqgħu wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

"Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari, u l-Qorti sejra tistħarriġhom fl-ordni li ngħataw;

"Illi bħala <u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li r-rikorrent huwa uffiċjal ta' jew b'mod ieħor jirrappreżenta xi kumpanniji kummerċjali f'Malta. Huwa wkoll jeżerċita professjoni. Kemm il-kumpanniji u kif ukoll l-attivita' tar-rikorrent huma reġistrati mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud taħt l-Att XXIII tal-1998;

"Illi bis-saħħa ta' tnax-il (12) sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali bejn Ottubru tal-2007 u Ġunju tal-2010, r-rikorrent instab ħati ta' ksur ta' dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta[2]. Huwa ma appellax minn dawk is-sentenzi[3];

"Illi matul l-imsemmi żmien, f'Awissu tal-2009, ir-rikorrent kien ressaq petizzjoni lill-President tar-Repubblika dwar il-ħlas tal-multi inflitti bl-imsemmija sentenzi li kienu ngħataw kontrih sa dakinhar. It-talba tiegħu ma ntlaqgħetx f'Mejju tal-2010[4];

"Illi f'Jannar tal-2011, l-intimat Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ressaq rikorsi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali biex il-multi li r-rikorrent kien weħel fl-imsemmija sentenzi u li ma kienx għadu ħallas, jinbidlu fi żmien ta' priġunerija skond il-liġi. Il-Qorti laqgħet it-talbiet magħmula[5];

"Illi fil-25 ta' Frar, 2011, ir-rikorrent fetaħ il-kawża tal-lum;

---

[1] Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta
[2] Dokti "AG1" sa "AG11" f'paġġ. 36 sa 58 tal-proċess
[3] Dok "AG", f'paġ. 35 tal-proċess
[4] Dok "B", f'paġ. 12 tal-proċess
[5] Dokti "Ċ1" sa "Ċ3", f'paġġ. 13 – 8 tal-proċess

"Illi l-ewwel minn fost il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li din il-Qorti trid tagħmel hija dwar l-**eċċezzjoni li l-intimat Onorevoli Prim Ministru ma hux il-kontradittur leġittimu** tal-azzjoni tar-rikorrent. L-intimati jsejsuha fuq dak li jrid l-artikolu 181B tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, partikolarment fis-sub-artikoli (1) u (2) tiegħu;

"Illi l-intimati jgħidu li, għall-għamla ta' lmenti li ressaq ir-rikorrent f'din il-kawża tiegħu, ma kienx hemm għalfejn jitħarrek il-Prim Ministru wkoll. Huma jqisu li l-ġudizzju huwa sħiħ bil-preżenza tal-intimati l-oħrajn, jiġifieri l-Avukat Ġenerali, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u l-Kummissarju tal-Pulizija. Huma jsemmu deċiżjoni partikolari li kienet stħarrġet eċċezzjoni bħal din, sabitha tajba u laqgħetha[6]. Jgħidu li dak li tgħid dik is-sentenza jgħodd għall-każ tal-lum;

"Illi, min-naħa tiegħu, jisħaq li l-intimat Prim Ministru dejjem għandu *locus standi* f'kawża kostituzzjonali, l-aktar waħda fejn il-ksur ta' jedd fundamentali jkun ġej minn liġi attakkata, u biex isaħħaħ din il-fehma semma wkoll sentenza li ngħatat dan l-aħħar[7]. Meta din il-Qorti rat l-imsemmija sentenza sabet li, għalkemm f'dik il-kawża kienet tressqet eċċezzjoni bħal dik issa mistħarrġa, s-sentenza tittratta dwar eċċezzjoni ta' xort'oħra u għalhekk ma tgħoddx għall-kwestjoni li l-Qorti issa għandha quddiemha;

"Illi l-Qorti tagħraf il-fatt li l-kwestjoni dwar min għandu jwieġeb għall-ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali tal-bniedem ilha żmien tkidd lil min ikun involut f'kawżi bħal dawn. Biż-żmien, tfasslu regoli ta' prattika biex jingħaraf kontra min kawża bħal din imissha titressaq[8]. Il-ħsieb dejjem kien li eċċezzjoni bħal din m'għandhiex isservi biex jitwal il-proċess tas-smigħ tal-ilment fil-mertu, imma biex jiġi mistħarreġ min tassew jista' jagħti r-rimedju f'każ li jirriżulta li l-ilment tal-ksur tad-dritt fundamentali kien wieħed mistħoqq[9]. Mad-dħul fis-seħħ fil-bidliet estensivi li saru fil-Kodiċi tal-Proċedura fl-1995, u b'mod partikolari fl-artikolu dwar ir-rappreżentanza tal-Gvern fil-kawżi, jidher li tqies li l-problema tal-leġittimu kuntradittur kienet b'hekk twittiet darba għal dejjem. Dan l-iżjed minħabba li l-artikolu 181B ma kien jagħmel l-ebda distinzjoni dwar l-għamla ta' proċedura ġudizzjarja li għaliha kien jirreferi. Mhux hekk biss, imma l-imsemmi artikolu jagħmel parti minn Titolu tal-Kodiċi li d-dispożizzjonijiet tiegħu "jgħoddu għall-qrati kollha"[10]. Din il-Qorti kif presjeduta hija wkoll tal-fehma sħiħa li l-kwestjoni tar-rappreżentanza tal-Gvern f'kawżi ta'

[6] P.A. (Kost) RCP **10.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Kenneth Brincat vs Avukat Ġenerali et***
[7] P.A. (Kost) GC **20.1.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***John Geranzi Limited vs Kummissarju tat-Taxxi Interni et***
[8] Per eżempju, ara Kost. **7.12.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela vs Il-Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.261**)
[9] Kost. **6.8.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph M. Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et***
[10] Art. 193 tal-Kap 12

xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali hija wkoll koperta bl-imsemmija d-dispożizzjonijiet;

"Illi, madankollu, jidher li l-imsemmi artikolu baqa' dejjem ma ċċarax għal kollox il-kwestjoni tal-leġittimu kontradittur fejn l-ilment tal-ksur tal-jedd fundamentali kien dirett lejn liġi jew strument ieħor li għandu s-saħħa ta' liġi. Il-Qrati ma jidhirx li stħarrġu dan il-punt espressament, għalkemm jidher li alludew għalih *obiter*[11]. Il-mistoqsija li tqum hija jekk l-artikolu 181B(2) jistax jitqies li jimla dan il-vot ukoll. Għall-intimati, dak l-artikolu jieħu ħsieb is-sitwazzjoni ukoll fejn l-allegat ksur tal-jedd fundamentali jitnissel minn liġi. Din il-Qorti nnifisha kienet tal-fehma li l-Avukat Ġenerali kien igawdi setgħa proċedurali wiesgħa li jassumi fil-persuna tiegħu r-rappreżentanza tal-Gvern f'kull kawża li ma tkunx tista' titressaq kontra direttur dipartimentali u tat ukoll sentenza f'dan is-sens ukoll dwar eċċezzjoni simili[12];

"Illi fi studju analitiku li sar dwar il-proċedura "kostituzzjonali", b'riferenza għall-portata tal-artikolu 181B, inkiteb li "*It is difficult to think of any claim which cannot be directed against a department and it in fact appears that this amendment was inspired by the question of the representation of the Courts, or specifically Judges and Magistrates and those who somehow or other are given the faculty of judging. No other 'prohibition' of this type seems to exist. In any case, the Prime Minister is always a legitimate defendant in actions against the government*"[13]. Din it-tifsira turi li, f'ċerti każijiet, ilment ta' ksur ta' jedd fondamentali jista' jkun indirizzat lejn persuna li la hija kap ta' dipartiment governattiv u lanqas kontra l-Avukat Ġenerali bħala rappreżentant tal-Gvern, imma lejn esponenti ieħor tal-Gvern;

"Illi l-Qorti tqis li l-kwestjoni ta' min għandu jwieġeb għal xilja ta' ksur ta' jedd fondamentali tintrabat sewwa mal-għamla tal-ksur li jkun u wkoll mal-għamla ta' rimedju li jista' jingħata. Ilu żmien li l-Qrati tagħna għarfu din ir-rejalta' u għalhekk sawru d-distinzjonijiet meħtieġa applikabbli għall-biċċa l-kbira mill-każijiet. Għalhekk, illum il-ġurnata jingħarfu kategoriji differenti ta' persuni li jistgħu jitqiesu bħala leġittimi kuntradittūri f'azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jiġifieri (a) dawk li jridu jwieġbu direttament jew indirettament għall-għamil li jikser id-dritt fundamentali ta' persuna, (b) dawk li jridu jagħmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) għan-nuqqasijiet jew l-egħmejjel li bihom ħaddieħor jikser xi jedd fundamentali ta' xiħadd, u (ċ) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawża meta kwestjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt

---

[11] Ara, per eżempju, Kost. **12.5.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Theuma noe et vs Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXI.i.1**), u P.A. (Kost) TM **21.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Harry Vassallo noe vs Kummissarju Elettorali Prinċipali et***

[12] P.A. Kost **31.5.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Simon Caruana vs Onorevoli Prim Ministru*** (mhix appellata)

[13] Mifsud Bonniċi <u>Constitutional Procedure relative to Fundamental Rights and Freedoms</u> (2004) paġ. 64

is-smigħ ta' xi kawża f'qorti[14]. Ma' dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawża, jistgħu jiddaħħlu persuni oħrajn bil-għan li jagħmlu sħiħ il-ġudizzju u jagħmluh rappreżentattiv ta' kull interess involut fil-kwestjoni;

"Illi, madankollu, bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Att IX tal-2006, li daħal fis-seħħ fis-7 ta' Lulju, 2006, iddaħlet dispożizzjoni ġdida fil-Kodiċi tal-Proċedura[15], li biha huwa l-Prim Ministru direttament li jingħata s-setgħa u l-fakulta' li jaġixxi f'każ fejn xi liġi tkun instabet li tikser xi jedd fundamentali ta' persuna kif imħares fil-Kostituzzjoni jew fil-Konvenzjoni. B'din id-dispożizzjoni ġdida, jidher li saret kjarifika li fi kwestjonijiet li jolqtu s-siwi "kostituzzjonali" ta' xi liġi fis-seħħ huwa l-Prim Ministru l-persuna leġittima biex tindirizza r-rimedju meħtieġ. Jekk dan jiġi applikat għall-kriterji ta' prassi proċedurali stabiliti mill-Qorti fil-kawża ta' ***Abela***, imsemmija aktar qabel (jiġifieri li persuna li tista' tagħti r-rimedju, għalkemm ma tkunx il-persuna li wettqet il-fatt lamentat, titqies bħala kontradittur leġittimu wkoll) allura jiġi li l-Prim Ministru jsir il-leġittimu kontradittur f'ilment bħal dan;

"Illi jekk wieħed iqis kif inhija mfassla l-ewwel talba tar-rikorrent, wieħed isib li hija l-liġi nnifisha li qiegħda tkun attakkata bħala dik li biha huwa ġarrab ksur ta' jedd fundamentali tiegħu. F'dan ir-rigward, l-intimat Onorevoli Prim Ministru jkollu *locus standi* fil-kawża, imqar b'riferenza għal dik it-talba. Dan qiegħed jingħad biss b'riferenza għal dak li jidher mad-daqqa t'għajn f'dik it-talba u lil hinn minn kull kunsiderazzjoni dwar is-siwi tagħha jew konsiderazzjonijiet fil-mertu dwarha, li għadu bikri wisq biex isiru f'dan il-waqt;

"Illi għal dawn ir-raġunijiet, għalhekk, il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni preliminari m'hijiex mistħoqqa u sejra twarrabha;

"Illi dwar **l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' interess fir-rikorrent** l-intimati jibnu din l-eċċezzjoni fuq żewġ argumenti: (a) li huwa ammetta l-akkużi li kienu saru kontrih quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u b'hekk kien qiegħed jaċċetta li ma kien hemm xejn irregolari f'dawk il-proċeduri jew li jiksirlu xi jedd fundamentali u (b) li kieku tassew kien hemm irregolarita' li ġġib ksur ta' dritt fundamentali, r-rikorrent kien messu qajjem il-"kwestjoni kostituzzjonali" quddiem il-Qorti tal-Maġistrati biex din tagħmel riferenza lil qorti ta' kompetenza kostituzzjonali. Għalhekk, billi r-rikorrent naqas li jressaq appell mis-sentenzi li ngħataw kontrih, huwa jiġi li m'għandu l-ebda interess ġuridiku biex jibqa' jattakkahom;

"Illi, min-naħa tiegħu, r-rikorrent irribatta dawn l-argumenti billi qal li l-ammissjoni tiegħu għall-akkużi kienet dettata minn ċirkostanzi inevitabbli u ma setax jagħmel mod ieħor. B'daqshekk, ma jfissirx li l-

[14] Kost. **7.12.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.261**); u Kost. **6.8.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Mary Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et***

[15] Art. 242(2) tal-Kap 12

ilmenti tiegħu ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali ma jistax iressaqhom f'kawża bħal din tal-lum, jew li jkollu jagħlaq ħalqu għal dejjem jekk minħabba fil-proċeduri meħuda kontrih ġarrab xi ksur ta' xi wieħed jew aktar mill-jeddijiet fundamentali tiegħu. Minbarra dan, l-għaref difensur tiegħu żied jargumenta li f'kawża ta' xejra kostituzjonali wieħed ma jitkellimx dwar l-"interess" tal-parti mġarrba iżda dwar l-istatus tagħha ta' "vittma";

"Illi jidher sewwa li jingħad li f'kawża fejn persuna tallega li ġarrbet ksur ta' jedd fundamentali mħares mill-Kostituzzjoni jew mill-Konvenzjoni, dik il-persuna trid turi li għandha interess ġuridiku biex tiftaħ kawża bħal dik. Huwa biss f'kawża maħsuba taħt l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni – l-hekk imsejħa "*actio popularis*" dwar in-nuqqas ta' siwi ta' liġijiet – li m'huwiex meħtieġ li l-parti attriċi turi li għandha xi interess personali biex tressaq kawża bħal dik. Mill-bqija, jidher li l-prinċipji li jistabilixxu x'għandu jkun dan l-interess f'kawża "ordinarja" japplikaw ukoll għall-kawżi taħt din il-proċedura speċjali ta' ksur ta' dritt fundamentali[16]. Ukoll jekk wieħed kellu jqis is-sottomissjoni tal-għaref difensur tar-rikorrent dwar l-istatus ta' "vittma" f'każ bħal dan, l-istess parti mġarrba trid turi li hija tassew "vittma" u dan jikkostitwixxi l-interess ġuridiku tagħha biex tressaq u tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din;

"Illi dan ifisser li, kif ingħad għadd ta' drabi mill-Qrati Maltin, l-interess meħtieġ irid ikun wieħed dirett, leġittimu u kif ukoll attwali[17], u jrid joħroġ minn stat attwali ta' ksur ta' jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f'kundizzjoni pożittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ġġib fix-xejn dritt li jappartieni lid-detentur jew li lilu jkun mistħoqq[18];

"Illi l-interess ġuridiku f'parti attriċi huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta jew jonqos li jagħraf il-jedd tal-istess attur u li, fih innifsu, joħloq il-ħtieġa tal-vertenza. Għalhekk, dan iġib miegħu l-konsegwenza li l-ewwel u l-aqwa interess ġuridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna għandha, jiġifieri li titlob li, fil-konfront tagħha, isir ħaqq jew li tiġi msewwija inġustizzja magħmula fil-konfront tagħha[19];

"Illi biex tali interess ikun tutelat minn karattru ġuridiku, irid ikun iwassal għal riżultat ta' utilita' u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd[20], b'mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex tipproduċi tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi[21]. Kien minħabba f'dan il-

---

[16] P.A. (Kost.) RCP **19.10.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victoria Cassar vs Awtorita' Marittima ta' Malta et***
[17] Ara P.A. **20.1.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Watson vs Sacco*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.453**)
[18] Ara P.A. **27.3.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat et vs Buttiġieġ*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.481**)
[19] App. Kumm. **2.4.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia et vs Buħaġiar*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.98**)
[20] Ara App. Ċiv. **13.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Manche' vs Montebello*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.56**)
[21] P.A. **7.1.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs Sammut*** (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.605**)

prinċipju li għadd ta' sentenzi ċaħdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb b'sentenza biss dikjarazzjoni mingħajr oġġett materjali[22] ;

"Illi ġie stabilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur għandu jkun jidher mill-att tal-kawża nnifisha[23], u għalkemm il-mottiv tal-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fl-att li bih il-kawża tinfetaħ, għandu għallanqas jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kuntrastat[24];

"Illi, dwar il-kwestjoni tal-attwalita' tal-interess, b'mod partikolari dak l-interess li għandu juri l-attur biex isostni l-kawża, ingħad ukoll li fil-prattika ġudizzjarja wieħed jista' jressaq kawża biex jikseb dikjarazzjoni preordinata għal azzjoni definitiva u aħħarija, minkejja li din ma tkunx ġiet inkluża fl-azzjoni ta' aċċertament[25]. Madankollu, f'każ bħal dan, il-Qorti trid tkun soddisfatta li jkun hemm l-interess meħtieġ, anki preordinat għall-kawża l-oħra, u li d-dikjarazzjoni miksuba fil-kawża ta' aċċertament tkun tifforma l-bażi tal-kawża l-oħra li tista' tinfetaħ 'il quddiem[26];

"Illi l-interess mhux tabilfors ikun wieħed li jiġi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew ġid. L-interess jista' jkun ukoll meqjus imsejjes jekk jimmira li jħares jew jagħti għarfien għal jedd morali jew suġġettiv[27], imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku[28];

"Illi, minħabba li kawża dwar ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali tista' titressaq kemm jekk dak il-jedd ikun diġa' nkiser jew qiegħed jinkiser b'xi għamil u kif ukoll jekk ikun hemm il-biżgħa tal-ksur ta' dak il-jedd, joħroġ li f'każ bħal dan l-element tal-interess ġuridiku jieħu xejra partikolari mill-aspett tal-attwalita'. Dan m'għandux ikun ta' xkiel għall-applikazzjoni tal-prinċipji fuq imsemmija, għaliex l-interess ġuridiku mistenni xorta waħda jirriżulta fejn, fil-każ konkret u mhux sempliċement ipotetiku, il-ksur ravviżat ikun wieħed rejali u imminenti[29];

"Illi lanqas ma jintilef dan l-interess jekk il-parti mġarrba ma tagħżilx li tqajjem il-"kwestjoni kostituzzjonali" huma u għaddejjin proċeduri oħrajn li mbagħad minnhom wieħed jilminta minn ksur ta' xi jedd fundamentali. It-tqanqil tal-"kwestjoni kostituzzjonali" hija fakultativa, u

[22] Ara App. Ċiv. **8.6.1942** fil-kawża fl-ismijiet ***Cortis vs Bonello*** (Kollez. Vol: **XXXI.i.218**)
[23] Ara App. Ċiv. **3.12.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Caruana*** u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija
[24] Ara App. Ċiv. **12.12.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Ignazio Gatt vs Michael Debono et*** (mhix pubblikata)
[25] Ara PA. **12.3.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Balluċi vs Vella Gera noe*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.257)**; u App. Ċiv. **4.12.1944** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb vs Petrococchino*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.540**)
[26] Ara P.A. **10.10.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Giuffrida noe vs Borg Olivier noe et*** (Kollez. Vol: **L.ii.310** u Vol: **LI.i. 130**)
[27] P.A. **13.10.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Axiaq vs Mizzi noe et*** (Kollez. Vol: **XXXVI.ii.532**)
[28] App. Ċiv. **15.12.1932** fil-kawża fl-ismijiet ***Scolaro vs Bailey*** (Kollez. Vol: **XXVII.ii.195**)
[29] Kost. **30.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph magħruf bħala Nadia Ħili vs L-Avukat Ġenerali et***

l-għażla li parti f'kawża li ma tinqediex biha (għaliex, wara kollox, ir-riferenza m'hijiex tal-parti li tqajjimha iżda tal-Qorti li taċċetta li tirreferi l-kwestjoni) ma twaqqafx ir-rimedju li dik il-parti tadixxi lil din il-Qorti direttament għal rimedju taħt l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 4(1) tal-Kapitolu 319;

"Illi għalhekk, lanqas din l-eċċezzjoni ma hija tajba u l-Qorti m'hijiex sejra tilqagħha;

"Illi **dwar it-tielet eċċezzjoni li r-rikorrent naqas li jinqeda bir-rimedji ordinarji** li kellu jedd għalihom, l-intimati jgħidu li r-rikorrent naqas li jressaq appell mis-sentenzi mogħtijin kontra tiegħu. L-atti juru li tassew dan huwa l-każ;

"Illi, min-naħa tiegħu, ir-rikorrent jgħid li, fil-każ tiegħu, l-appell ma kienx jagħti rimedju effettiv għall-ilmenti tiegħu, għaliex il-Qorti li quddiemha seta' jsir appell ma setgħetx tagħtih ir-rimedji li tista' tagħti din il-Qorti f'każ li ssib li tassew ġarrab ksur ta' xi jedd fundamentali minn dawk li semma fir-rikors promotur tiegħu;

"Illi jidher li din l-eċċezzjoni hija stedina magħmula mill-intimati biex din il-Qorti tapplika l-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u dak tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

"Illi l-kriterji li jridu jitqiesu biex Qorti tal-kompetenza "kostituzzjonali" tagħżel li ma twettaqx is-setgħat fuq il-bażi li l-parti rikorrenti kellha rimedji oħrajn "ordinarji" huma llum il-ġurnata stabiliti b'mod konsistenti mill-qrati Maltin. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha toqgħod terġa' tfissirhom, u tillimita ruħha biex tirreferi għas-sentenza tagħha tat-30 ta' Ġunju, 2005, fil-kawża ***Tretyak vs Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs***[30], li kienet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar, 2006. Dik l-istess Qorti għadha żżomm l-istess prinċipji kif muri f'deċiżjonijiet li ngħataw dan l-aħħar dwar l-istess eċċezzjoni[31];

"Illi meta jissemma li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, irid jintwera li dan ikun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[32]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[33]. L-eżistenza li tassew ikun (jew kien) hemm rimedju alternativ xieraq trid tintwera mill-intimat li fuqu

[30] Rik. Kost. Nru. 22/05JRM

[31] Kost. **31.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Caruana et vs Il-Prim Ministru et*** (Rik. Kost. 44/06) u Kost. **6.9.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Xuereb vs Helen Milligan et*** (Rik. Kost. 44/08) fost l-oħrajn

[32] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)

[33] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)

jaqa' l-piż tal-prova biex jikkonvinċi lil din il-Qorti biex tagħżel li ma teżerċitax is-setgħat tagħha biex tisma' l-kawża;

"Illi huwa fatt ukoll li, minkejja li jista' jkun minnu li l-parti rikorrenti seta' kellha għad-dispożizzjoni tagħha rimedju "ordinarju", din il-Qorti xorta waħda jibqagħlha dejjem id-diskrezzjoni li tagħżel li tibqa' tisma' l-kawża. L-eżistenza ta' "rimedju ordinarju" ma torbotx idejn din il-Qorti milli tkompli tisma' kawża kostituzzjoniali mressqa quddiemha. Id-diskrezzjoni li tuża trid tkun waħda prudenti u fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja[34]. Normalment, din id-diskrezzjoni tintuża meta r-rikorrent ikun jidher li tassew għandu disponibbli għalih rimedju li, kieku użat kif imiss, jista' jagħtih il-ħarsien tal-jedd li f'kawża bħal din jgħid li qiegħed iġarrab ksur tiegħu[35];

"Illi meta l-Qorti tiġi biex tapplika l-prinċipji hawn fuq imfissra għall-każ li għandha quddiemha ssib li ma ngħatatx raġunijiet tajbin biżżejjed biex tagħżel li ma twettaqx is-setgħat speċjali tagħha fil-kompetenza kostituzzjonali jew konvenzjonali tagħha u lanqas li jekk kemm-il darba r-rikorrent tassew appella mis-sentenzi mogħtijin kontrih mill-Qorti tal-Maġistrati, dan kien sejjer jistħarreġ l-ilmenti kollha (u wisq anqas jagħtih rimedju effettiv) li huwa ressaq fir-rikors promotur tiegħu".

## L-Appell tal-Konvenuti

5. Il-konvenuti qed jibbazaw l-appell taghhom fuq zewg aggravji: [1] li l-ewwel Qorti ma kellhiex tasal ghall-konkluzjoni li l-Onorevoli Prim Ministru kellu locus standi fil-proceduri odjerni u, [2] li dik il-Qorti ma kellhiex tichad l-eccezzjoni taghhom dwar l-ezawriment tar-rimedji ordinarji. Dawn l-aggravji huma indikati fir-rikors tal-appell tal-konvenuti bhala "L-Ewwel Aggravju" u t-"Tieni Aggravju".

---

[34] P.A. Kost VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Bonavia vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Mhix pubblikata)

[35] Ara, f'dan ir-rigward Kost. **9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.268**); u Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.48**)

6. Ghaldaqstant qed jitolbu li din il-Qorti thassar is-sentenza preliminari f'dik il-parti fejn cahdet l-eccezzjonijiet preliminari bl-ispejjez kontra taghhom.

7. L-attur min-naha tieghu ma wegibx bil-miktub ghal din il-parti tal-appell tal-konvenuti.

*L-Ewwel Aggravju tal-konvenuti [Locus Standi]*

8. Dan hu fis-sens li l-intimat Onorevoli Prim Ministru m'ghandux locus standi fil-proceduri odjerni stante li, ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, fil-proceduri odjerni l-Istat huwa rapprezentat mill-kapjiet tad-dipartimenti koncernati u mill-Avukat Generali.

9. Din il-Qorti tirribadixxi li l-Artikolu 181B, li huwa l-artikolu fil-kodici tal-procedura appozitament maghmul sabiex jirregola r-rapprezentanza tal-gvern fl-atti gudizzjarji, jistipula b'mod car li r-rapprezentanza tal-gvern hija vestita fil-kap tad-dipartiment koncernat kif ukoll, f'certu oqsma, fil-persuni indikati fil-proviso tal-istess artikolu, u, fil-kazijiet li ma jaqghux taht l-ewwel subinciz, allura r-rapprezentanza tal-Gvern hija vestita fl-Avukat Generali. Imkien f'dan l-artikolu ma jissemma l-Prim Ministru. Li kieku l-ligi riedet li f'certu kazijiet bhal dawk in dizamina

kellu jitharrek ukoll il-Prim Ministru, kienet tghidu - *quod lex voluit lex dixit.* Dan il-hsieb jinsab fortifikat bil-principju enuncjat minn din il-Qorti fil-kawza **H.Vassallo & Sons Limited v. Avukat Generali** moghtija fit-30 ta' Settembru 2012 li l-imsemmi Artikolu 181B japplika minghajr distinzjoni kemm ghall-proceduri ordinarji kif ukoll ghal dawk ta' natura kostituzzjonali. [ara wkoll f'dan is-sens **Q.Kost Sean Bradshaw et v. Avukat Generali et**, deciza fis-6 ta' Frar 2015; **Q.Kos. Mifsud David v. Onor.Prim Ministru**, deciza 24 ta' Gunju 2016].

10. Ghaldaqstant dan l-ewwel aggravju tal-konvenuti huwa gustifikat u qed jigi milqugh.

*It-Tieni Aggravju tal-konvenuti [Rimedju Ordinarji]*

11. Il-konvenuti jikkontendu li l-attur kellu rimedji ordinarji xierqa, effettivi, accessibbli u adegwati sabiex jindirizzaw il-ksur minnhom lamentat konsistenti fil-kontestazzjoni permezz ta' eccezzjonijiet legali u appell minn xi wahda jew aktar mis-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] fil-konfront tieghu, liema rimedji, ghar-ragunijiet tieghu, huwa naqas milli jutilizza u ghalhekk l-ewwel Qorti kellha tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha a tenur tal-proviso tal-Artikolu 46[2] tal-Kostituzzjoni u l-proviso tal-Artikolu 4[2] tal-Konvenzjoni. Huma jsostnu li l-fatt li hu ghazel li ma jappellax mis-sentenzi tal-Qorti tal-

Magistrati jammonta ghall-akwijexxenza da parti tieghu u li min-naha tieghu ma ra xejn irregolari.

12. Din il-Qorti tibda billi tirribadixxi li meta l-ewwel Qorti tkun iddecidiet li tezercita d-diskrezzjoni taghha favur l-ezercizju tal-kompetenza kostituzzjonali taghha din il-Qorti ma tiddisturbax dik l-ghazla tal-ewwel Qorti jekk mhux ghar-ragunijiet gravi u manifesti [*ara fost ohrajn* **Mifsud David v. Onor.Prim Ministru**, *supra*].

13. Fil-meritu tosserva li l-fatt li l-attur ghazel li jammetti l-akkuzi kriminali migjuba kontra tieghu u l-fatt li huwa ma kienx appella mis-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ghax hass li ma kellux difiza x'jaghmel tenut kont tal-ligi kif inhi, ma jipprivahx mid-dritt li jressaq proceduri kostituzzjonali jekk ikun tal-fehma li gie lez dritt fundamentali tieghu. Wara kollox, la l-Qorti tal-Magistrati u lanqas il-Qorti tal-Appell Kriminali m'ghandhom is-setgha li jiddeciedu dwar allegat ksur ta' dritt fundamentali, ghax l-ezami ta' kwistjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali hija rizervata lill-qrati ta' kompetenza kostituzzjonali.

14. Inoltre, jigi osservat li lanqas il-fatt illi l-attur ghazel li ma jitlobx lill-Qorti tal-Magistrati taghmel referenza ma jippregudikah fl-odjerni proceduri, in kwantu t-tqanqil ta' kwistjoni kostituzzjonali matul il-proceduri gudizzjarji hija fakoltattiva u, ghalkemm ma tkunx saret talba,

dik il-parti ma titlifx il-jedd illi tintraprendi proceduri kostituzzjonali direttament. Izda, u b'izjed enfasi, jigi osservat li talba ghal referenza kostituzzjonali ma tistax titqies bhala rimedju ordinarju ghax tezorbita mill-proceduri ordinarji billi, jekk tintlaqa', taghti lok ghall-proceduri straordinarji ta' natura kostituzjonali.

15. Fid-dawl tal-premess din il-Qorti hija tal-fehma li ma jeziztux ragunijiet gravi bizzejjed sabiex tvarja d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fir-rigward.

16. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi respint.

*Is-Sentenza Finali [5 ta' April 2016]*

17. Din qed tigi riprodotta fl-intier taghha peress li fiha hemm esposizzjoni dettaljata tat-talbiet tal-attur, l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, il-fatti tal-kawza u l-konsiderazzjonijiet maghmula mill-ewwel Qorti sabiex waslet ghad-decizjoni taghha.

> "Reġgħet rat ir-Rikors imressaq fil-25 ta' Frar, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm dettaljatament imfissra, ir-rikorrent talab li l-Qorti (a) ssib li s-subartikolu 3 tal-artikolu 83 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta jikser id-drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tiegħu ta' smigħ xieraq kif imħarsa mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni"); (b) issib li s-subartikolu 3 tal-artikolu 83 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta jikser id-drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq u dwar in-*ne bis in idem* kif imħarsa fl-artikolu 6 u fl-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll rispettivament tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni

tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni"); (ċ) issib li d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 2, 31, 33, 34, 36, 37, 38, 40, 41, 42, 44, 58, 59, 67, 68 u 76 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta safejn jirrigwardaw il-ħlas ta' penali amministrativi, u tal-artikoli 21 u 67 tal-istess Kapitolu safejn jirrigwardaw it-tħaddim ta' mgħaxijiet jiksru d-drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tiegħu dwar teħid ta' proprjeta' mingħajr kumpens xieraq kif imħarsa taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u dwar in-*ne bis in idem* kif imħarsa bl-artikolu 4 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni; (d) issib li x-"*short-payment penalties*" imħaddma taħt l-istess Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta jiksru d-drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tiegħu ta' tgawdija ta' ħwejġu kif imħarsa fl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni; (e) issib li l-imsemmija "*short-payment penalties*" imħaddma taħt l-istess Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta jiksru d-drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tiegħu dwar ħarsien minn teħid ta' proprjeta' bla kumpens xieraq kif imħarsa bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni; (f) issib li d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 2, 31, 33, 34, 36, 37, 38, 40, 41, 42, 44, 58, 59, 67, 68 u 76 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta safejn jirrigwardaw il-ħlas ta' penali amministrativi, u tal-artikoli 21 u 67 tal-istess Kapitolu safejn jirrigwardaw it-tħaddim ta' mgħaxijiet jiksru d-drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tiegħu dwar tgawdija bla xkiel ta' ħwejġu kif imħarsa fl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni; (ġ) tħassar jew tnaqqas l-imgħax legali u l-penali amministrattivi li l-Kummissarju intimat impona fuqu; (ħ) issib li huwa ġarrab danni minħabba l-ksur tal-jeddijiet tiegħu kif issemma qabel; (i) tagħtih kumpens xieraq u tikkundanna lill-intimati, jew lil min minnhom, iħallsu dak il-kumpens li jogħġobha tillikwida favurih; (j) issib li huwa ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għall-ħarsien kontra priġunerija għal dejn kuntrattwali kif imħares bl-artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni; (k) tħassar is-sentenzi mogħtijin kontrih mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u msemmija fid-dokument mehmuż mar-Rikors tiegħu, u kif ukoll id-degrieti li bihom il-multi li kien kundannat iħallas b'dawk is-sentenzi u ma ħallasx inbidlu f'piena ta' ħabs; u (l) tagħti kull rimedju, direttiva u kumpens li jidhrilha xieraq;

"Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' Marzu, 2011, li bih qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tad-9 ta' Marzu, 2011, u ordnat in-notifika lill-intimati;

"Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fit-8 ta' Marzu, 2011, li biha huma laqgħu għall-azzjoni tar-rikorrent billi, b'mod preliminari, (i) qalu li l-intimat Onorevoli Prim Ministru jmissu jinħeles milli jibqa' fil-kawża minħabba dak li jiddisponi l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, (ii) li hemm in-nuqqas ta' interess ġuridiku tar-rikorrent li jattakka l-artikolu 83(3) tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta ladarba huwa kien ammetta l-akkużi li sarulu meta tressqu kontrih il-proċeduri kriminali quddiem il-Qorti kompetenti u wkoll għaliex huwa ma nqediex b'rimedju ordinarju li jitlob lil dik il-Qorti tagħmel riferenza kostituzzjonali meta tressaq quddiemha, u (iii) wkoll għaliex hu naqas li jinqeda b'rimedji ordinarji li kellu meta naqas li jressaq appell minn xi

waħda jew aktar mis-sentenzi li ngħataw kontrih mill-Qorti li kienet sabitu ħati. Fil-mertu, laqgħu billi warrbu l-allegazzjonijiet tar-rikorrent u seħqu li t-talbiet tiegħu m'għandhomx jintlaqgħu;

"Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Marzu, 2011, li bih ordnat li qabel kull ħaġ'oħra kellha ssir it-trattazzjoni tat-tliet eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati u tathom żmien biex iressqu l-provi (dokumentali) tagħhom dwarhom sa qabel is-smigħ li kien imiss;

"Rat is-sentenza preliminari tagħha tas-17 ta' Novembru, 2011[36], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet l-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-intimati, bl-ispejjeż kontrihom, u ordnat li s-smigħ tal-kawża jitkompla bit-trattazzjoni u t-tressiq tal-provi dwar il-mertu tal-ilmenti tar-rikorrent u l-eċċezzjonijiet fil-merti dwar dawk l-ilmenti;

"Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet, magħduda dik bil-mezz tal-affidavit, u rat ukoll il-provi dokumentali li tressqu mill-imsemmija xhieda;

"Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Ġunju, 2014[37], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat żmien lill-partijiet biex iressqu Noti ta' Sottomissjonijiet;

"Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent fis-27 ta' Novembru, 2014[38];

"Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimati fl-20 ta' Frar, 2015[39], bi tweġiba għal dik tar-rikorrent;

"Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

"Rat l-atti kollha tal-kawża;

"Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Marzu, 2015, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

"***Ikkunsidrat:***

"Illi r-rikorrent qiegħed jgħid li ġarrab il-ksur tal-jeddijiet tiegħu għat-tgawdija bil-kwiet ta' ħwejġu, tad-dritt għal smigħ xieraq, tad-dritt li ma jġorrx piena għal aktar minn darba għall-istess reat u għall-kumpens xieraq għat-teħid ta' ħwejġu, minħabba l-fatt li huwa kien għadda minn proċeduri kriminali meħudin kontra tiegħu għal ksur ta'

[36] Paġġ. 71 sa 83 tal-proċess
[37] Paġ. 950 tal-proċess
[38] Paġġ. 954 – 960 tal-proċess
[39] Paġġ. 962 – 976 tal-proċess

obbligazzjonijiet taħt l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud[40] u mis-sejbien ta' ħtija tiegħu f'dawk il-proċeduri;

"Illi għal dik l-azzjoni, l-intimati laqgħu billi, b'mod preliminari, qalu (i) li l-Prim Ministru ma kellux ikun imħarrek f'din il-kawża, (ii) li r-rikorrent m'għandux interess biex jilminta mill-artikolu 83 tal-Att ladarba huwa ammetta l-akkużi li kienu saru kontra tiegħu u billi ma nqediex bir-rimedju li kellu meta ma talabx lill-Qorti li quddiemha tressaq mixli biex tirreferi l-każ dwar l-allegati ksur ta' jedd fundamentali quddiem din il-Qorti u (iii) li naqas milli jinqeda b'rimedju ordinarju li jappella mis-sentenzi mogħtijin kontrih. Fil-mertu, laqgħu billi warrbu l-allegazzjonijiet tar-rikorrent u seħqu li t-talbiet tiegħu m'għandhomx jintlaqgħu. B'mod partikolari, u b'riferenza għat-talbiet magħmula mir-rikorrent, qalu li ma hemm l-ebda raġuni għaliex l-artikolu 83(3) tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta jitqies li jikser xi jedd fundamentali tal-persuna u lanqas ma tikkostitwixxi dispożizzjoni nieqsa mill-proporzjonalita' fit-tħaddim tagħha. Dwar il-kejl u l-imposizzjoni ta' multi u mgħaxijiet, qalu li xejn fil-liġi ma jżomm milli jkun hemm sanzjonijiet ('penalitajiet') kemm kriminali u kif ukoll amministrattivi għan-nuqqas ta' persuna li tħallas jew li tħallas f'waqtha t-taxxa minnha dovuta. Ċaħdu wkoll li l-imsemmi artikolu 83 jikser b'xi mod il-jedd għal smigħ xieraq dwar aċċess għal Qorti jew prevedibilita' tad-dritt, u bl-istess mod ċaħdu li r-rikorrent ġarrab telf jew tnaqqis tat-tgawdija ta' ħwejġu minħabba t-tħaddim tal-liġi fil-konfront tiegħu bħala "*tax payer*" li naqas milli jwettaq dak mitlub minnu fil-liġi. Temmew jgħidu li, safejn ir-rikorrent jilminta minn ksur tal-jedd għal liberta', ma għandux raġun għaliex kien hu nnifsu, bin-nuqqasijiet persistenti u ripeturi tiegħu li jikser il-liġi, li ġab b'idejh il-qagħda li jinsab fiha u ma nqediex bil-bosta rimedji u opportunitajiet li ngħatawlu minn żmien għal żmien biex jottempera ruħu;

"Illi b'sentenza preliminari mogħtija fis-17 ta' Novembru, 2011, u għar-raġunijiet hemm imfissra, din il-Qorti ma laqgħetx l-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari mqajma mill-intimati;

"Illi bħala <u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li r-rikorrent huwa uffiċjal ta' jew b'mod ieħor jirrappreżenta lil xi kumpanniji kummerċjali f'Malta. Huwa wkoll jeżerċita professjoni. Kemm il-kumpanniji u kif ukoll l-attivita' professjonali tar-rikorrent huma reġistrati mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud taħt l-Att XXIII tal-1998;

"Illi għalkemm ir-rikorrent u kif ukoll il-kumpanniji li kien jirrappreżenta kienu marbuta biex, minn żmien għal żmien u fit-termini mitluba mil-liġi, jibagħtu d-denunzji u l-ħlasijiet tat-taxxa dwar il-Valur Miżjud lid-Dipartiment konċernat, naqsu li jagħmlu dan. Minħabba l-mod kif is-sistema tad-Dipartiment huwa mħaddem, sakemm ir-rikorrent u l-kumpanniji baqgħu ma bagħtux id-denunzji u l-ħlas, bdew jinġemgħu penali u mgħaxijiet. Fiż-żmien li għalih jirreferu dawn il-ġrajjiet[41], ir-

[40] Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta
[41] Ara Dokti "AJ6a" u "AJ7", f'paġġ. 908 – 911 tal-proċess

rikorrent kien għaddej minn żmien ta' taqlib fin-negozju tiegħu li wasslu għat-teħid minnu u kif ukoll kontrih ta' proċeduri fil-Qrati[42];

"Illi d-Direttur Ġenerali intimat ukoll kien talab lill-Pulizija Eżekuttiva biex tibda proċeduri kriminali kontra r-rikorrent, kemm personalment u kif ukoll bħala uffiċjal tal-kumpanniji tiegħu, wara li baqa' ma wettaqx dak li ntalab bosta drabi li jagħmel u minkejja li għadda ż-żmien li fih huwa nnifsu kien wiegħed li jottempera ruħu u jwettaq ħlasijiet ta' taxxa li seta' kien kellu jagħti lid-Dipartiment[43];

"Illi d-Dipartiment fetaħ proċeduri kriminali fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kontra r-rikorrent dwar in-nuqqas tiegħu li jimla u jibgħat id-denunzji fiż-żmien stabbilit mil-liġi. Bis-saħħa ta' sentenzi mogħtijin bejn is-17 ta' Jannar tal-2002 u t-2 ta' Lulju tal-2009, huwa nstab ħati tal-imsemmija akkużi u immultat, u b'żieda ma' dan dik il-Qorti imponietlu penali kuljum b'seħħ minn żmien wara l-għoti ta' kull sentenza, sakemm iwettaq dak minnu mitlub mil-liġi[44];

"Illi r-rikorrent baqa' ma wettaqx dak li nstab ħati dwaru;

"Illi bis-saħħa ta' tnax-il (12) sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali bejn Ottubru tal-2007 u Ġunju tal-2010, ir-rikorrent instab ħati ta' ksur ta' dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta u illikwidat il-multi dwar kull waħda mill-proċeduri[45]. Huwa ma appellax minn dawk is-sentenzi[46];

"Illi matul l-imsemmi żmien, f'Awissu tal-2009, ir-rikorrent kien ressaq petizzjoni lill-President tar-Repubblika dwar il-ħlas tal-multi inflitti bl-imsemmija sentenzi li kienu ngħataw kontrih sa dakinhar. It-talba tiegħu ma ntlaqgħetx f'Mejju tal-2010[47];

"Illi f'Jannar tal-2011, l-intimat Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ressaq rikorsi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali biex il-multi li r-rikorrent kien weħel fl-imsemmija sentenzi u li ma kienx għadu ħallas, jinbidlu fi żmien ta' priġunerija skond il-liġi. Il-Qorti laqgħet it-talbiet magħmula[48];

"Illi fil-25 ta' Frar, 2011, ir-rikorrent fetaħ il-kawża tal-lum;

"Illi biex wieħed ikun f'qagħda li jqis sewwa l-ilmenti tar-rikorrent u jagħmel il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbuta magħhom, jixraq li wieħed iżomm quddiem għajnejh li huwa jsejjes il-każ tiegħu

[42] Dokti "AJ5" u "AJ10", f'paġġ. 907 u 914 tal-proċess
[43] Dokti "AJ2" u "AJ3a" f'paġġ. 903 – 4 tal-proċess
[44] Dokti "AG12" sa "AG15", f'paġġ. 59 sa 67 tal-proċess
[45] Dokti "AG1" sa "AG11" f'paġġ. 36 sa 58 tal-proċess
[46] Dok "AG", f'paġ. 35 tal-proċess
[47] Dok "B", f'paġ. 12 tal-proċess
[48] Dokti "Ċ1" sa "Ċ3", f'paġġ. 13 – 8 tal-proċess

fuq dak li jipprovdi l-artikolu 83(3) tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-liġi") u kif dak l-artikolu jolqot it-tħaddim ta' bosta dispożizzjonijiet oħrajn tal-imsemmija liġi f'dak li jirrigwarda l-impożizzjoni ta' penali amministrattivi u imgħaxijiet;

"Illi minn dik id-dispożizzjoni, huwa jgħid li ġarrab ksur tal-jeddijiet tiegħu li (a) jgawdi bil-kwiet il-possedimenti tiegħu (artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 2 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni) u dan mill-aspett tan-nuqqas ta' proporzjonalita' tal-istess liġi fiskali; (b) tal-jedd li ma jġarrabx proċeduri aktar minn darba dwar l-istess fatt ("*ne bis in idem*") (artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(1) tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni); u tad-dritt għal smigħ xieraq (artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni) u dan kemm fir-rigward ta' ċertezza tad-dritt (minħabba l-mod arbitrarju u diskrezzjonali li huwa jgħid li bih persuna titwaħħal il-ħlas ta' penali u mgħaxijiet) u wkoll fir-rigward ta' aċċess għal qorti (minħabba li l-penali u l-imgħaxijiet jintalbu bla ma qabel ikun hemm smigħ quddiem organu imparzjali biex jiddetermina jekk dawk il-penali u dawk l-imgħaxijiet imisshomx jintalbu). Il-Qorti sejra tistħarreġ dawn l-ilmenti wieħed wieħed u fil-qafas tad-dispożizzjoni li r-rikorrent jilminta dwarha;

"Illi l-artikolu 83(3) tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: "*Il-bidu ta' proċedimenti jew l-impożizzjoni ta' piena għal xi reat taħt din it-Taqsima ma għandhomx jeħilsu lil xi persuna minn prosekuzzjoni taħt xi liġi oħra jew mill-obbligu ta' ħlas ta' xi taxxa jew penali amministrattiva li għandha jew li jista' jkollha taħt dan l-Att u l-bidu ta' proċedimenti jew l-impożizzjoni ta' xi piena għal xi reat taħt xi liġi oħra jew il-ħlas ta' xi taxxa jew penali amministrattiva taħt dan l-Att ma għandhomx jeħilsu lil xi persuna minn xi prosekuzzjoni jew piena taħt din it-Taqsima*";

"Illi l-imsemmija dispożizzjoni tagħmel minn numru ta' artikoli (artikoli 76 sa 84) li jaqgħu fit-Taqsima X tal-Att imsemmi u li jinġabru taħt ir-ras "*Reati u Pieni*";

"Illi f'din il-kawża, ir-rikorrent jgħid li l-ilmenti tiegħu ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali joħorġu kemm fil-kwalita' tiegħu ta' "*tax payer*" individwali u personali tiegħu, u kif ukoll li kwalita' ta' uffiċjal (direttur) u azzjonist ta' kumpanniji li wkoll kienu reġistrati mad-Dipartiment bħala entitajiet taxxabbli taħt il-liġi, u dan safejn hu, bħala uffiċjal tal-imsemmija kumpanniji, kien meqjus mil-liġi bħala responsabbli amministrattivament u kriminalment għal xi ksur tal-liġi min-naħa tal-istess kumpanniji jew liema minnhom;

"Illi għar-rigward tal-ilment tar-rikorrent **dwar il-ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq** joħroġ ċar li huwa jibnih kemm fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll fuq l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Dan l-ilment iressqu dwar l-artikolu 83(3) tal-Att;

"Illi dan l-ilment jirrigwarda l-**ewwel u parti mit-tieni talbiet** tar-rikorrent;

"Illi, għalissa[49], mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, id-dispożizzjonijiet rilevanti huma dawk fis-sub-artikoli 1 u 2 tiegħu li jgħidu:

> "*(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi*" u

> "*(2) Kull qorti jew awtorita' oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna qudddiem qorti jew awtorita' oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli*";

"Illi l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jipprovdi li:

> "*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. ...*";

"Illi minn qari tal-atti tal-kawża u tas-sottomissjonijiet imressqa, din il-Qorti tqis minnufih li r-rikorrent ma wera bl-ebda mod kif l-artikolu 83(3) tal-Kap 406 imur kontra xi waħda mill-imsemmija dispożizzjonijiet, jew kif, bit-tħaddim tiegħu, ir-rikorrent ġarrab xi ksur għall-jedd tiegħu għal smigħ xieraq;

"Illi l-imsemmi artikolu jirriżerva kull proċediment jew provvediment li jista' jittieħed kontra kull "*tax payer*" dwar il-ġbir ta' taxxa u l-impożizzjoni ta' penali amministrattiva, minkejja li jkunu tnedew kontriha proċedimenti jew ġew imposti pwieni għal xi reat quddiem il-Qorti kompetenti;

"Illi n-nuqqasijiet li r-rikorrent kien akkużat bihom quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kienu għemejjel (jew, aħjar, nuqqasijiet) li l-liġi nnifisha kienet tqishom bħala reati[50] li jintitolaw lid-Direttur Ġenerali intimat jiftaħ proċeduri kriminali quddiem dik il-Qorti. Ir-rikorrent ma ressaq l-ebda prova li l-proċeduri mnedijin kontrih quddiem dik il-Qorti kienu mtebba' b'xi nuqqas sostantiv jew proċedurali li kisirlu l-jedd tiegħu li jingħata smigħ xieraq jew li l-proċeduri tant karkru li ntmess il-jedd tiegħu għal smigħ fi żmien raġonevoli. Mhux hekk biss, imma r-rikorrent, f'kull wieħed mill-proċedimenti miftuħin kontrih, stqarr ħtijietu u ammetta x-xiljiet

---

[49] Dan qiegħed jingħad għaliex fir-rigward ta' ilment ieħor ser jitqies ukoll l-artikolu 39(9) ukoll aktar 'il quddiem
[50] Taħt l-art. 76(ċ) tal-Kap 406

imressqa kontrih. Lanqas ma għażel li jappella mis-sentenzi li ngħataw kontrih, minkejja li kellu kull dritt jagħmel dan;

"Illi huwa aċċettat li, fil-prinċipju, il-qies tal-ħarsien tal-jedd għal smigħ xieraq irid isir b'ħarsien tal-proċediment kollu li jkun ittieħed u mhux ta' xi episodju maqtugħ għalih. Mill-atti ma ħareġ xejn li bih jista' jingħad li tassew ir-rikorrent ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq minħabba l-mod kif tħaddem fir-rigward tiegħu l-artikolu 83(3) tal-Kap 406, jew minħabba d-dispożizzjonijiet tal-istess artikolu;

"Illi l-Qorti tasal biex taqbel mas-sottomissjonijiet magħmula mill-intimati f'dan ir-rigward[51] u ma tarax li għandha għalfejn toqgħod issemmihom wieħed wieħed hawnhekk;

"Illi fis-sewwa jrid jingħad li, fit-trattazzjoni ulterjuri li għamel huwa nnifsu quddiem il-Qorti biex jirribatti l-argumenti tal-intimati, ir-rikorrent seħaq li l-ksur li huwa ġarrab għall-jedd tiegħu ta' smigħ xieraq jikkonsisti fil-fatt li l-pwieni jibdew jgħaddu minnufih bla ma jkun hemm smigħ quddiem Qorti li tiddetermina dan u li l-imgħaxijiet jibdew jinġemgħu mill-ewwel;

"Illi dwar dan, il-Qorti tgħid li l-impożizzjoni ta' penali amministrattivi jew it-tħaddim ta' mgħaxijiet fuq obbligi fiskali (b'distinzjoni minn proċeduri mnedija għall-kundanna u l-ħlas tagħhom) ma humiex 'proċedimenti' li dwarhom wieħed jasal biex iqis kwestjonijiet tad-'determinazzjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili'. Għalhekk, għalkemm il-Qorti tifhem l-argument tar-rikorrent, ma tarax kif dan fih innifsu jġib ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. Wara kollox intwera mill-provi[52] li bosta mis-sanzjonijiet amministrattivi imposti mil-liġi jitħassru jew jitwaqqfu għal kollox hekk kif it-'*tax payer*' jottempera ruħu ma' dak li titlob il-liġi u ma jibqax moruż fl-obbligi tiegħu. Minbarra dan, il-liġi nnifisha tagħti jedd ta' aċċess lil tribunal lil kull min irid jikkontesta xi penali amministrattiva imposta fuqu għal xi nuqqas[53];

"Illi minħabba f'dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti mhijiex sejra tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u lanqas dik il-parti tat-tieni talba li tirrigwarda l-jedd għal smigħ xieraq;

"Illi l-Qorti sejra issa tqis l-ilment tar-rikorrent dwar il-ksur tal-jedd tiegħu li **ma jiġix ipproċessat jew ikkastigat darbtejn** ("*ne bis in idem*"). Dan l-ilment jolqot **it-tieni parti tat-tieni talba u t-tieni parti tat-tielet talba** tar-rikorrent u jitlob l-istħarriġ tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni;

"Illi jidher f'dan ir-rigward li għalkemm id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39(9) jixxiebhu ma' dawk tal-artikolu 4 tar-Raba' Protokoll tal-

[51] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 969 – 970 tal-proċess
[52] Xhieda ta' Connie Azzopardi f'paġġ. 242E tal-proċess
[53] Ara art. 44k tal-Kap 406 (u Skeda IX tal-Att)

Konvenzjoni f'dak li huwa l-qofol tal-prinċipju maħsub, bl-ebda mod ma jista' jsir tqabbil tagħhom fuq il-livell ta' applikazzjoni jew tifsir[54]. Għalhekk, meta wieħed iqis il-prinċipju tan-*ne bis in idem* għall-finijiet ta' jeddijiet fondamentali tal-bniedem, wieħed irid iżomm sewwa quddiem għajnejh id-differenza bejn il-livell kostituzzjonali u dak konvenzjonali;

"Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet u minħabba li jidher li l-firxa tad-dispożizzjonijiet relattivi tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni dwar dan il-prinċipju ma hijiex għal kollox l-istess, jixraq li l-Qorti tqis l-ilment tar-rikorrent minn kull waħda mid-dispożizzjonijiet għal rashom;

"A) **L-Aspett Kostituzzjonali tal-prinċipju tan-*ne bis in idem***

"Illi l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jipprovdi dwar id-dritt li l-ebda persuna li tkun għaddiet minn proċediment quddiem Qorti kompetenti dwar reat kriminali (sew jekk tkun inħelset mill-akkuża u sew jekk tkun instabet ħatja) ma tista' terġa' titressaq mixlija fi proċeduri oħrajn dwar dak ir-reat jew xi reat ieħor li għalih setgħet instabet ħatja fl-ewwel proċediment, għajr fuq ordni ta' Qorti ogħla mogħti matul il-kors ta' appell jew proċedura ta' reviżjoni tal-ewwel proċess. L-istess artikolu jrid ukoll li ħadd ma jitressaq mixli dwar reat kriminali li tiegħu dik il-persuna tkun diġa' ngħatat maħfra. Tali prinċipju jsib ix-xbieha tiegħu ukoll fil-Kodiċi Kriminali, fil-każ fejn persuna mixlija tinħeles mill-akkużi mressqin kontriha[55];

"Illi huwa stabbilit[56] li l-prinċipju tan-*ne bis in idem* imħares fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun għaddiet minn proċess dwar reat, ma għandha qatt terġa' tgħaddi minn proċess ieħor dwar tali reat jew dwar reati oħra li setgħet tinstab ħatja dwarhom f'dak l-ewwel proċess. Dan il-prinċipju jidher li huwa l-verżjoni tad-dritt penali ta' dak il-prinċipju l-ieħor tar-*res judicata* li jikkostitwixxi eċċezzjoni perentorja tal-ġudizzju fil-qasam tal-proċedura ċivili;

"Illi, kif ingħad, dan is-sub-artikolu fil-Kostituzzjoni jagħti ħarsien usa' lill-persuna mixlija minn dak mogħti mill-artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali, sewwasew għaliex jgħolli l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* għal-livell ta' garanzija kostituzzjonali bil-konsegwenza li persuna li jkollha dan il-jedd mhedded jew attwalment miksur quddiem qorti kriminali għandha l-jedd tirrikorri għall-protezzjoni quddiem qorti ta' xejra kostituzzjonali. Iżda dak l-artikolu tal-Kostituzzjoni huwa mliġġem b'eċċezzjoni (li f'dan il-każ tal-lum mhijiex rilevanti) li ma tinsabx fid-dispożizzjoni korrispondenti tal-Konvenzjoni;

[54] Ara, per eżempju, Kost. **20.11.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i. 370, a fol 382** *et seq*) għal dak li jirrigwarda l-piż tal-prova
[55] Art. 527 tal-Kap 9
[56] Kost. **4.8.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.213**)

"Illi, minbarra dan, l-istħarriġ tal-allegazzjoni imqanqla minn parti mixlija b'reat li dik il-proċedura hija ripetizzjoni ta' proċedura bħalha li diġa' kienet ittieħdet kontriha għall-istess reat għandu jsir mill-Qorti li quddiemha titqanqal l-imsemmija eċċezzjoni. Sakemm dan isir u l-fatt li dan isir, huwa meqjus bħala stadju proċedurali li jżomm milli jseħħ ksur tal-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni[57];

"Illi meta wieħed jitkellem dwar l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* fil-qasam tad-dritt penali taħt l-ordinament ġuridiku tagħna, wieħed iqis li jeħtieġ jintwera li l-persuna li tkun tqiegħdet taħt akkuża oħra trid tkun l-istess waħda li kienet tqiegħdet taħt l-ewwel proċedura u wkoll li tkun hekk tressqet dwar l-istess fatt. Kif ingħad, "*Bl-espressjoni 'l-istess fatt' wieħed għandu jifhem il-fatt fiżikament rigwardat, konsistenti għalhekk kemm fl-element materjali – att ta' kommissjoni jew ommissjoni – kif ukoll dak formali tiegħu. Mhux biżżejjed li l-fatt ikun jirrigwarda l-istess oġġett; hekk, per eżempju, min f'okkażjoni partikolari jagħmel ħsara volontarja fuq proprjeta' ta' ħaddieħor u f'okkażjoni oħra jerġa' jagħmel l-istess tip ta' ħsara fuq l-istess proprjeta' ma jista' bl-ebda mod jeċepixxi r-res judicata*"[58]. Madankollu, għall-finijiet ta' stħarriġ ta' ksur ta' jedd fundamentali – kif ingħad aktar qabel – tajjeb li wieħed iżomm quddiem għajnejh li, filwaqt li l-artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali jitkellem dwar "l-istess fatt"[59], l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar "(l-istess) reat";

"Illi fil-qasam tad-dritt penali jidher li huwa prinċipju aċċettat li, bi tħaddim tar-regola tan-*ne bis in idem*, "*The criminal action is extinguished ... when there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence founded on such act, and afterwards, he is again brought up for judgment on a different charge, but founded on the same act*"[60];

"Illi din il-Qorti tifhem li jekk kemm-il darba t-tifsira mogħtija lill-artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali hija b'mod tali li żżomm milli persuna terġa' titressaq mixlija dwar fatt li dwaru kienet diġa' tressqet taħt proċedura li ntemmet b'sentenza li saret ġudikat, wieħed jistenna li t-tħaddim tar-regola miġjuba fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni għandu jkun jgħodd iżjed biex iħares dak il-jedd. Fi kliem ieħor, il-garanziji kostituzzjonali ma jistgħux ikunu applikati b'xeħħa jew b'anqas qawwa meta mqabblin mal-garanziji li tagħti l-"liġi ordinarja" kif tinsab fil-Kodiċi Kriminali;

"B) **L-Aspett tal-prinċipju tan-*ne bis in idem* taħt il-Konvenzjoni.**

---

[57] P.A. (Kost) **10.5.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Gauċi vs Kummissraju tat-Taxxi Interni et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.525**)

[58] App. Krim. Inf VDG **19.2.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Anthony Vella et*** (mhix pubblikata)

[59] Ara App. Krim Inf. PV **12.12.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Domenic Abela*** (mhix pubblikata)

[60] App. Krim. Inf. **15.11.1941** fil-kawża fl-ismijiet ***Giuseppe Baldacchino vs Giuseppe Buhagiar*** (kif imsemmija fil-ktieb "Recent Criminal Cases Annotated" tal-Prof. W. Harding)

"Illi, min-naħa l-oħra, l-aspett tal-prinċipju tan-*ne bis in idem* kif applikat taħt il-Konvenzjoni jieħu xejra xi ftit differenti minn dak li japplika taħt il-Kostituzzjoni. Il-Qorti diġa' aċċennat għal dan aktar qabel, u l-istess ħaġa jtennuha l-Qrati tagħna wkoll f'xi każijiet li kienu jmissu din il-kwestjoni[61]. L-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll, li llum il-ġurnata jagħmel biċċa mil-liġi ta' Malta[62], jipprovdi li ħadd ma jista' jiġi pproċessat jew ikkastigat għal darba oħra fi proċediment kriminali taħt il-ġurisdizzjoni tal-istess Stat għal xi reat li dwaru jkun ġie pproċessat (kemm jekk ikun inħeles kif ukoll jekk ikun instab ħati) skond il-liġi u l-proċedura penali f'dak l-Istat. L-imsemmi artikolu jagħmel eċċezzjoni fil-każ li, skond il-liġi u l-proċedura penali ta' xi Stat, każ jista' jerġa' jinfetaħ jekk ikun hemm provi ta' fatti ġodda li jkunu għadhom kif irriżultaw, jew jekk fl-ewwel proċediment ikun seħħ xi "vizzju fondamentali", li f'kull każ minnhom jista' jkollhom effett fuq kif jisvolġi l-każ. Ta' min jgħid li l-imsemmi artikolu ma jippermetti l-ebda deroga minn Stat marbut mill-Konvenzjoni;

"Illi fl-istħarriġ li trid tagħmel din il-Qorti għandha żżomm quddiem għajnejha dak li jipprovdi l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, għaliex wieħed ma jistax iqis kif imiss l-implikazzjonijiet tal-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll jekk mhux fid-dawl tal-imsemmi artikolu. Huma dawn id-dispożizzjonijiet li jitkellmu dwar il-prinċipju tan-*ne bis in idem*, li huwa meqjus bħala element ewlieni biex jiġi assikurat smigħ xieraq lil persuna u li jagħmel parti sħiħa mill-ġabra ta' garanziji li jobbliga lill-Istat li jara li kull persuna mixlija b'reat ma jinkisrux il-jeddijiet tagħha mogħtijin taħt dak id-dritt. Iżda wieħed m'għandux iwaħħad il-jedd tan-*ne bis in idem* mal-jedd ta' smigħ xieraq daqslikieku kienu l-istess ħaġa;

"Illi, iżjed minn hekk, dak l-artikolu ma jżommx milli persuna tiġi suġġetta għal iżjed minn proċediment wieħed ta' karattru differenti, bħal fil-każ ta' teħid ta' proċeduri dixxiplinari u proċeduri kriminali kontra l-istess persuna fl-istess ġurisdizzjoni[63]. Iżda meta l-proċedimenti dixxiplinari jkunu ta' għamla u gravita' tali li jattiraw fuqhom l-applikabilita' tal-ħarsien tal-jeddijiet maħsuba taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, allura dan iġib miegħu l-effett li jitqiesu wkoll dawk il-jeddijiet li jimxu id f'id mal-imsemmi artikolu, bħalma huwa l-prinċipju tan-*ne bis in idem* maħsub fl-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll;

"Illi dak l-artikolu lanqas ma jżomm milli jittieħdu kontra l-istess persuna proċedimenti ta' għamla kriminali f'ġurisdizzjonijiet differenti dwar l-istess għemil. Fuq kollox, dak l-artikolu japplika biss dwar proċedimenti preċedenti li jkollhom it-timbru ta' ġudikat. Jidher li, għall-finijiet tal-Konvenzjoni, deċiżjoni titqies bħala ġudikat meta tkun

[61] Kost. **12.2.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter Montebello vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***
[62] Bis-saħħa tal-Att XXI tal-2002, li daħal fis-seħħ fit-12 t'Ottubru, 2002 (A.L. 311/2002)
[63] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġ. 569

irrevokabbli u meta ma jkun għad fadal l-ebda rimedju ieħor disponibbli għall-partijiet li jista' jibdel dik id-deċiżjoni[64];

"Illi l-prinċipju tan-*ne bis in idem* jimplika tabilfors li tkun teżisti sentenza jew deċiżjoni li torbot (għalkemm mhux bilfors tkun waħda li fiha l-akkużat ikun instab ħati) bħala ostaklu għal proċedura dwar l-istess reat warajha;

"Illi huwa stabilit ukoll li l-jedd imħares taħt l-imsemmi artikolu mhuwiex limitat biss għall-ħarsien li persuna ma tinstabx ħatja darbtejn tal-istess reat, imma li l-persuna ma ġġarrabx iżjed minn proċess wieħed dwar dak ir-reat, u għalhekk l-artikolu jgħodd ukoll fejn persuna tkun diġa' tressqet fuq proċeduri li jintemmu bla sejbien tal-ħtija tagħha. Dan għaliex dak l-artikolu jiġbor fih tliet garanziji differenti minn xulxin, u jiġifieri li l-ebda persuna ma għandha (i) tkun suġġetta li titressaq, (ii) titressaq jew (iii) tinstab ħatja aktar minn darba tal-istess offiża[65];

"Ċ) **Konsiderazzjonijiet komuni dwar iż-żewġ artikoli.**

"Illi l-Qorti tifhem li r-regola maħsuba fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll ma żżommx milli bniedem jitressaq mixli iżjed minn darba dwar xi fatt, jekk dak il-fatt jew dak l-għemil ikun jikkostitwixxi aktar minn reat wieħed. Dak li jipprovdu l-imsemmija artikoli hu li persuna ma tistax titressaq mixlija bl-istess reat li minnu tkun diġa' għaddiet proċeduri – kemm jekk taħthom instabet ħatja u kemm jekk kienet inħelset – li jkunu ntemmu b'sentenza li saret ġudikat. Għalhekk, il-fatt waħdu li, f'xi ċirkostanzi, jista' jkun hemm id-duplikazzjoni ta' proċedimenti – l-aspett tal-"*bis*" – m'għandux ikun il-kejl waħdieni li bih jitqies jekk ikunx hemm tassew ksur tar-regola maħsuba f'dawk l-artikoli;

"Illi l-kwestjoni li tibqa' hi dwar jekk dak il-"*bis*" huwiex dwar l-istess reat, jiġifieri l-element tal-"*idem*". L-istħarriġ ta' x'jikkostitwixxi l-"istess" reat minn dejjem kien wieħed li ħalaq kontroversja dwar il-kriterju li jmissu japplika. Huwa magħruf li lanqas il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ma segwiet dejjem l-istess kriterju. Kemm hu hekk, jidher li xi drabi mxiet bil-kejl tal-"istess għemil"[66], filwaqt li, f'xi każijiet oħrajn, tqabbel mal-kunċett tal-konkors idejali fejn l-istess għemil jista' jnissel azzjonijiet differenti[67]. Kien hemm każi fejn dik il-Qorti żammet mal-kejl tal-"elementi essenzjali" tar-reati milquta mill-proċeduri ripetuti[68]. Dawn il-kriterji differenti ma kinux qegħdin jgħinu wisq biex tinstab dik iċ-ċertezza tad-dritt meħtieġa għat-tifsir ta' dan il-jedd fundamentali, u dan kien iġib ħsara akbar meta wieħed iqis li dak

---

[64] Ara t-tifsira mogħtija fit-Tielet Skeda mehmuża mal-Att XIV tal-1987 li hija silta mir-Rapport Spjegattiv għas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni, par. 22

[65] Q.E.D.B. **20.7.2004** fil-każ ***Nikitin vs Russja*** (Applik. Nru. 50178/99) § 36

[66] Eż. Q.E.D.B. **23.10.1995** fil-każ ***Gradinger vs Awstrija*** (Applik. Nru.15963/90) § 55

[67] Eż. Q.E.D.B. **30.7.1998** fil-każ ***Oliveira vs Svizzera*** (Applik. Nru. 25711/94) §§ 25 – 9

[68] Eż. Q.E.D.B. **29.5.2001** fil-każ ***Franz Fischer vs Awstrija*** (Applik. Nru. 37950/97) § 25

il-prinċipju kien jitħaddem fi proċeduri ta' xejra kriminali, bħalma din il-Qorti issa għandha quddiemha;

"Illi, madankollu, jidher li wara li qieset sewwa l-biċċa, il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fasslet kriterju maħsub biex jagħti "tifsira armonizzata" tal-kunċett tal-"istess reat". Bl-imsemmi kriterju dik il-Qorti qalet li hija "*takes the view that Article 4 of Protocol No. 7 must be understood as prohibiting the prosecution or trial of a second 'offence' in so far as it arises from identical facts or facts which are substantially the same. The guarantee enshrined in Article 4 of Protocol No. 7 becomes relevant on commencement of new prosecution, where a prior acquittal or conviction has already acquired the force of res judicata. At this juncture, the available material will necessarily comprise the decision by which the first 'penal procedure' was concluded and the list of charges levelled against the applicant in the new proceedings. Normally, these documents would contain a statement of facts concerning both the offence for which the applicant has already been tried and the offence for which he or she stands accused*[69]*. In the Court's view, such statements of fact are an important starting point for its determination of the issue whether the facts in both proceedings were identical or substantially the same. The Court emphasises that it is irrelevant which parts of the new charges are eventually upheld or dismissed in the subsequent proceedings, because Article 4 of Protocol No. 7 contains a safeguard against being tried or being liable to be tried again in new proceedings rather than a prohibition on a second conviction or acquittal. The Court's inquiry should therefore focus on those facts which constitute a set of concrete factual circumstances involving the same defendant and inextricably linked together in time and space, the existence of which must be demonstrated in order to secure a conviction or institute criminal proceedings*"[70];

"Illi meqjusa din il-ġabra ta' konsiderazzjonijiet, il-Qorti sejra tgħaddi biex tqis jekk kemm-il darba l-ilmenti tar-rikorrent f'dan ir-rigward humiex mistħoqqa. Jerġa' jitfakkar li taħt dan l-ilment ir-rikorrent jirreferi għall-kastigi li huwa ġarrab minħabba dak li jirreferi għalihom bħala "imgħax punittiv, bil-multi amministrattivi u l-multi kriminali għall-istess nuqqas"[71] fid-dawl tal-artikolu 83(3) tal-Kap 406;

"Illi, fl-ewwel lok, jidher li huwa stabbilit li "*the notion of 'penalty' does not have different meanings under different provisions of the Convention .. .. proceedings involving tax surcharges were 'criminal' not only for the purposes of Article 6 of the Convention but also for the purposes of Article 4 of Protocol No. 7*"[72]. Dan jgħodd ukoll fejn l-

---

[69] F'dan ir-rigward, ara App. Krim. Inf **28.5.1993** fil-kawża ***Il-Pulizija vs Said*** (Kollez. Vol: **LXXVII.v.414**)
[70] Q.E.D.B. (GC) **10.2.2009** fil-każ ***Sergey Zolotukhin vs Russja*** (Applik. Nru. 14939/03) §§ 82 – 4
[71] Rikors promotur f'paġ. 7 tal-proċess taħt ir-ras "Ksur tal-Prinċipji tan-Non Bis in Idem"
[72] Q.E.D.B. **8.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Manasson vs Żvezja*** (Applik. Nru. 41265/98) § 23

impożizzjoni tal-multa amministrattiva tkun maħsuba bħala waħda li sservi ta' deterrent għal min jipprova jonqos milli jħallas is-sehem tiegħu ta' taxxa dovuta[73];

"Illi, fit-tieni lok, il-proċedimenti li ttieħdu kontra r-rikorrent (kemm dawk dwaru personalment u kif ukoll dawk fejn huwa jidher għal kumpanniji li kienu suġġetti għat-Taxxa dwar il-Valur Miżjud) (minn issa 'l hemm imsejħin "it-tieni proċedimenti") ma kinux l-istess proċedimenti, iżda kienu jirrigwardaw l-istess fatti (jew omissjonijiet) li dwarhom kien instab ħati mill-istess Qorti tal-Maġistrati bil-proċedimenti meħuda kontrih qabel (minn issa 'l hemm imsejħin "l-ewwel proċedimenti");

"Illi l-kwestjoni li tqum hija jekk it-tieni proċedimenti jiksrux ir-regola tan-*ne bis in idem* fid-dawl tal-ewwel proċedimenti mnedijin kontra r-rikorrent;

"Illi fl-ewwel proċedimenti r-rikorrent kien immultat u ordnat biex jottempera ruħu ma' dak li titlob il-liġi u jissottometti d-denunzji. F'din l-ordni, kien marbut li jagħmel dak li kellu jsir taħt ir-rabta ta' "multa oħra" għal kull jum li jgħaddi bla ma jkun għamel dak lilu ordnat. Fit-tieni proċedimenti, ir-rikorrent instab ħati li naqas milli jwettaq dak minnu ordnat fl-ewwel proċedimenti u kien ikkundannat billi l-Qorti "illikwidat" kemm kienu jitilgħu l-multi oħrajn f'kull wieħed mill-każijiet sa dakinhar. Jidher li, kemm fl-ewwel proċedimenti u kif ukoll fit-tieni proċedimenti, ir-rikorrent ammetta l-akkużi bla ebda riżerva u ma ressaq l-ebda appell;

"Illi l-artikolu 83(3) tal-Kap 406 ma jżommx milli jitmexxew l-ewwel u t-tieni proċedimenti f'każijiet bħalma huma dawk li jirrigwardaw lir-rikorrent. Jidher ukoll li l-ewwel proċedimenti u t-tieni proċedimenti ttieħdu skond l-artikolu 76(ċ) tal-istess Kap 406;

"Illi f'xi każijiet li kienu jirrigwardaw proċeduri taħt din il-liġi, tqies li l-fatt li l-liġi tagħti kastig ta' aktar minn piena waħda għall-istess reat ma jġibx miegħu ksur tar-regola tan-'*ne bis in idem*'[74] u lanqas tal-jedd għal smigħ xieraq, ukoll meta l-kundanna għall-piena l-miżjuda titlob it-teħid ta' proċediment għalih. Il-proċedimenti li jittieħdu biex jikkwantifikaw dak li għalih l-akkużat kien kundannat dwaru fl-ewwel proċedimenti ma kellhomx jitqiesu bħala proċediment ieħor għall-finijiet tal-"*bis*";

"Illi l-Qorti ma taqbilx ma' dik il-fehma għaliex jibqa' l-fatt li l-proċedimenti għal-'likwidazzjoni' tal-multi ulterjuri jinbnew fuq l-istess fatti u fuq l-istess elementi tar-reat. Għalhekk, hija tqis li t-teħid tat-tieni proċedimenti kontra r-rikorrent minnhom infushom jikkostitwixxu ksur tal-jedd tiegħu kemm taħt l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni u kif

[73] P.A. (Kost) AE **21.2.2014** fir-Riferenza Kostituzzjonali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Godwin Muscat***

[74] Ara, b'eżempju, P.A. (Kost) GC **30.8.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Camilleri vs Il-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Miżjud et*** (mhix appellata)

ukoll taħt l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni minħabba u bis-saħħa ta' dak li kien għadda minnu fl-ewwel proċedimenti[75]. F'dan ir-rigward, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 83(3) tal-Kap 406, safejn jippermettu proċediment bħal dan, jiksru dak il-jedd ukoll;

"Illi f'dan ir-rigward il-Qorti ma tistax toqgħod fuq l-argument imressaq mill-intimati fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom[76] fejn jiċħdu l-element tal-"bis" billi jgħidu li l-multi li r-rikorrent kien ikkundannat iħallas taħt it-tieni proċedimenti kienu dovuti lir-Reġistratur tal-Qorti u mhux lid-Direttur Ġenerali intimat. Dan l-argument ma jibdel xejn mill-fatt li dik il-kundanna saret bi ksur tal-prinċipju msemmi u, f'kull każ, kienet dovuta lill-Istat, billi r-Reġistratur tal-Qorti huwa taqsima oħra mill-istess amministrazzjoni pubblika li minnha jagħmel id-Direttur-Ġenerali intimat;

"Illi safejn l-ilment tar-rikorrent jirrigwarda l-imgħaxijiet u l-penali amministrattivi, il-Qorti tqis li huwa aċċettat li, sakemm il-penali amminstrattiva ma tkunx tikkostitwixxi sanzjoni penali, ma hemm xejn li jżomm milli dwar fatti jew omissjonijiet marbuta ma' obbligi mad-dikjarazzjoni jew denunzja ta' taxxi, l-Istat jimponi flimkien sanzjonijiet amministrattivi u pwieni għal reati[77]. Madankollu, fejn il-penali amministrattivi jkunu hekk ħarxa jew qawwija li jġibu magħhom effetti ta' kastig u mhux biss effett ta' deterrent, allura ma jistax jibqa' jingħad li dawk il-penali ma jkunux saru 'kastig kriminali'. F'dak il-każ, jidħlu fis-seħħ kemm il-jedd ta' smigħ xieraq u kif ukoll il-prinċipju tan-*ne bis in idem* fir-rigward ta' xi proċedimenti li jinbdew flimkien jew wara l-impożizzjoni ta' dawk il-penali[78];

"Illi mill-provi li tressqu quddiem il-Qorti ħareġ li, kemm fir-rigward tal-imgħaxijiet u kif ukoll fir-rigward tal-penali amministrattivi (partikolarment ix-'*short-payment penalty*') li minnhom jilmenta r-rikorrent, it-tħaddim tagħhom huwa stabilit mil-liġi u jiddependi wkoll fuq id-diskrezzjoni tad-Direttur-Ġenerali intimat. Dan jingħad għaliex, fejn it-*tax payer* jottempera ruħu ma' dak li titlob minnu l-liġi, il-penali amministrattivi jistgħu jitħassru għal kollox jew jinħafru[79]. Dan ifisser li l-effett tal-imsemmija miżuri huwa dak ta' deterrent u mhux ta' piena jew kastig kriminali;

"Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrent ġarrab ksur tal-jedd tiegħu taħt l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll fir-rigward biss tat-teħid kontrih tat-tieni proċedimenti, imma ma ssibx li ġarrab ksur tal-istess jedd tiegħu fir-rigward tal-

---

[75] Q.E.D.B. **27.11.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Lucky Dev vs Żvezja*** (Applik. Nru. 7356/10) §§ 58 – 9
[76] Ara § 1.10 f'paġ. 965 tal-proċess
[77] Ara, b'mod partikolari QĠE (AM) **26.2.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Aklagaren vs Hans Akerberg Fransson*** (C617-10) § 50
[78] Kost. **29.5.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġlu Żahra vs Il-Prim Ministru et***
[79] Xhieda ta' Frank Borġ f'paġ. 869 tal-proċess

impożizzjoni tal-imgħaxijiet jew tal-penali amministrattivi (ix-'*short-payment penalty*');

"Illi għalhekk il-Qorti ssib li t-tieni parti tat-tieni talba hija mistħoqqa u sejra tintlaqa' filwaqt li t-tieni parti tat-tielet talba ma hijiex mistħoqqa u mhix sejra tintlaqa';

"Illi għar-rigward tal-ilment tar-rikorrent **dwar il-ksur tal-jedd tiegħu għall-ħarsien miċ-ċaħda tal-proprjeta' u t-tgawdija bil-kwiet tal-possedimenti tiegħu** huwa jibnih fuq ksur kemm tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Huwa jqis li dan jiġri (a) safejn il-komputazzjoni tal-imgħaxijiet u l-impożizzjoni ta' penali minħabba n-nuqqas ta' tressiq f'waqthom tad-denunzji u l-ħlas tat-taxxa dovuta jitfgħu piż sproporzjonat fuqu; (b) minħabba li s-'*short-payment penalties*' imposti jiksru d-dritt tiegħu għat-tgawdija bil-kwiet ta' ħwejġu jew it-teħid tagħhom mingħajr il-ħlas ta' kumpens xieraq; u (ċ) safejn il-kalkolu ta' imgħax u penali amministrattivi jikkostitwixxu ndħil fit-tgawdija ta' ħwejġu;

"Illi dan l-ilment jirrigwarda **l-ewwel parti tat-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt talbiet** tar-rikorrent;

"Illi, fil-parti rilevanti tiegħu, l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jipprovdi li "*(1) Ebda proprjeta' ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda interess fi jew dritt fuq proprjeta' ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta jkun hemm dispożizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist .. .. .. . (2) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tiftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta' xi liġi safejn tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjeta' – (a) bi ħlas ta' xi taxxa, rata jew drittijiet; (b) bħala penali għal, jew bħala konsegwenza ta', ksur tal-liġi, sew jekk bi proċeduri ċivili jew wara dikjarazzjoni ta' ħtija ta' reat kriminali; .. .. .. (ħ) fl-eżekuzzjoni ta' sentenzi jew ordnijiet ta' qrati*";

"Illi dawn id-dispożizzjonijiet jagħmluha ċara li l-provvedimenti tal-artiklu tal-Kostituzzjoni jitkellmu dwar it-**teħid** ta' pussess b'mod obbligatorju u mhux dwar xi għamla oħra ta' tnaqqis tal-istess pussess. Kif ingħad f'dan ir-rigward u bi tqabbil mal-ħarsien li jagħti l-artikolu relattiv taħt il-Konvenzjoni, dan ifisser li biex ikun hemm tneħħija jew privazzjoni tal-proprjeta' jeħtieġ jintwera li din tkun seħħet b'effett dirett ta' xi għemil tal-istat u li ma jkunx biżżejjed li jkun hemm indħil jew ċaħda tad-dritt tad-dgawdija paċifika tal-istess proprjeta' bħala rifless ta' għemil bħal dak[80];

[80] Kost. **30.4.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Mintoff et vs Onor. Prim Ministru*** (Kollez. Vol: **LXXX.i.206**) u Kost. **30.11.2001**fil-kawża fl-ismijiet ***Galea et vs Briffa et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.540**)

"Illi, minbarra dan, il-qafas ta' ċirkostanzi kollha li r-rikorrent isemmi fir-rikors promotur tiegħu jaqgħu fl-ambitu ta' proċeduri meħuda u mibdija taħt liġi li l-għan tagħha huwa sewwasew il-ġbir u l-ħlas ta' taxxa. F'każ bħal dan, u sakemm ma jintweriex li dak li ntalab jew ittieħed mingħand ir-rikorrent ma kienx tassew imħares b'dispożizzjoni ta' liġi, jidħol fis-seħħ dak li jgħid l-artikolu 37(2)(a) tal-Kostituzzjoni u għalhekk wieħed ma jistax jitkellem aktar dwar ksur tal-artikolu 37(1). Minbarra dan, hemm ukoll il-konsiderazzjoni li meta wieħed jitkellem dwar ġbir ta' taxxa bħalma hija t-Taxxa dwar il-Valur Miżjud, wieħed ma jkunx qiegħed jitkellem fuq ġid li jaqa' taħt l-isfera tal-kontroll tat-'*tax payer*', iżda ġid (assi) li l-istess '*tax payer*' ikun ġabar jew messu ġabar fl-interess tal-Istat;

"Illi meta qieset iċ-ċirkostanzi kollha li joħorġu mill-atti u qabblithom mal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrent ma seħħlux juriha li tassew ġarrab xi ksur ta' l-jedd tiegħu taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;

"Illi, minħabba f'hekk, l-ewwel parti tat-tielet talba u l-ħames talba, safejn jirreferu għal ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, mhumiex mistħoqqa u mhux sejrin jintlaqgħu;

"Illi kif ingħad, ir-rikorrent isejjes tnejn mit-talbiet tiegħu (ir-raba' u s-sitt talbiet) fuq l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Dawn it-talbiet jirreferu għax-'*short-payment penalties*' u għall-imgħaxijiet u penali amministrattivi li d-Dipartiment impona fuqu minħabba li naqas li jressaq f'waqthom id-denunzji u l-ħlasijiet korrispondenti tat-taxxa;

"Illi l-imsemmi artikolu jipprovdi li "*Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.*

> "*Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta' skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.*";

"Illi fit-tifsira u l-applikazzjoni li ngħatat mill-Qrati dwar l-imsemmija dispożizzjoni bħala parti mil-liġi tagħna, ingħad li din testendi biex tħares it-tgawdija ħielsa mill-persuna dwar ħwejjiġha (il-possedimenti tagħha) u mhux biss il-ħarsien mit-teħid ta' pussess kif maħsub fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Huwa minħabba f'hekk li, kif qalet aktar 'il fuq f'din is-sentenza, l-applikabilita' tal-artikolu taħt il-Konvenzjoni huwa usa' minn dak taħt il-Kostituzzjoni;

"Illi l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll fih tliet regoli. L-ewwel regola tistabilixxi d-dritt li kull persuna (kemm fiżika u kif ukoll morali) tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet. It-tieni regola trid li biex persuna ma titħalliex

tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet irid ikun hemm interess pubbliku u bla ħsara ta' kundizzjonijiet maħsuba fil-liġi u l-prinċipji ġenerali ta' dritt internazzjonali. It-tielet regola trid li l-ewwel żewġ regoli ma jnaqqsux il-jedd tal-Istat li jwettaq liġijiet li jkunu xierqa biex (a) jikkontrolla l-użu tal-ġid skond l-interess ġenerali, jew (b) biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet jew pwieni. B'mod partikolari, fil-ħarsien tal-jedd imsemmi f'dak l-artikolu irid jintwera li jkun inżamm u tħares bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-komunita' u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-għamil tal-Istat. Dwar it-tifsir xieraq ta' dan l-artikolu, il-Qrati tagħna diġa'[81] taw il-fehmiet meqjusa tagħhom u ħarġu b'sensiela ta' prinċipji li fuqhom għandhom jintiżnu l-jeddijiet tal-individwu fuq naħa u dawk tal-Istat fuq in-naħa l-oħra;

"Illi, fuq kollox, l-imsemmija tliet regoli tal-artikolu 1 huma msenslin waħda mal-oħra u għandhom jinftehmu b'qari ma' xulxin[82]. Għalhekk, filwaqt li l-liġijiet li jagħtu s-setgħa lill-Istat li jieħu ġid f'idejh għal għanijiet pubbliċi huma meqjusa bħala meħtieġa f'soċjeta' demokratika, dawn ma jagħtux jedd assolut jew insindakabbli lill-Istat, għaliex tali jedd għandu jitqies bħala eċċezzjoni jew limitazzjoni għall-jedd tal-individwu li jgawdi ħwejġu u ġidu bil-kwiet, u għalhekk l-Istat irid juri kif imiss li l-jedd tiegħu wettqu bil-qies u fil-parametri permessi mil-liġi;

"Illi għal dak li jolqot l-aspett tat-taxxa fil-qafas tal-Konvenzjoni inkiteb li "*An individual's right to enjoyment of his property is accordingly subject to the State's right to assess, levy and enforce contributions by way of tax under the second paragraph of Art. 1 of the First Protocol. The provision is to be interpreted in the light of the underlying principle in the first sentence of the first paragraph ... Measures taken to ensure the payment of taxes, or prevent defaulting are generally found compatible with the second paragraph. Consideration is given to whether the measure is of such a kind that it can reasonably be considered as necessary for the purpose and whether its application is grossly disproportionate*"[83];

"Illi fil-każ tallum ir-rikorrent jisħaq ħafna fuq il-kwestjoni tal-proporzjonalita' li, huwa jgħid, il-Kapitolu 406 jonqos b'mod qawwi li jħares fejn jidħlu l-penali amministrattivi jew l-'*assessments*' arbitrarji jew awtomatiċi li jidħlu fis-seħħ meta '*tax payer*' jonqos li jibgħat id-denunzji jew jibgħathom wara ż-żmien u kif ukoll dwar ix-'*short-payment penalties*' meta t-'*tax payer*' ma jibgħatx ħlas mad-denunzji jew jibgħat ħlas anqas minn kemm messu bagħat;

---

[81] Ara, per eżempju, Kost. **28.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Pawlu Cachia vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.615**)

[82] Q.E.D.B. **23.9.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Sporrong & Lonnroth vs Svezja*** (Applik. Nru. 7151/75) , § 61

[83] Reid <u>*A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights*</u> (3rd Edit, 2008), §§ IIB – 404, 407, f'paġġ. 566 – 8

"Illi bilkemm għandu għalfejn jingħad li fejn jidħlu s-sanzjonijiet li minnhom jilminta r-rikorrent, dawn huma maħsuba għal min ma joqgħodx għal-liġi. Min iwettaq id-dmirijiet tiegħu taħt il-liġi u jħarisha, ukoll jekk biex jagħmel dan jidħol għal sagrifiċċju w rabta, ma jġarrabx l-istess sanzjonijiet. Fit-tieni lok, kif ingħad qabel f'din is-sentenza, dawn is-sanzjonijiet għandhom l-għan li jgerrxu (bis-saħħa tad-deterrent) lil min ikun milli jitħajjar jinjora l-liġi u jipprova jaħrab minn dmirijietu u l-obbligi li jaqgħu fuqu skond l-istess liġi. Minħabba f'hekk, ma jixraqx li min iħares il-liġi u min ma jħarishiex jitqiegħed f'keffa waħda: għalhekk ukoll, minħabba li l-għan tal-impożizzjoni u l-ġbir tat-taxxa huwa wieħed ta' interess ġenerali, is-sanzjonijiet imposti b'liġi kontra min jiksirha jridu jitqiesu fil-qafas ta' dak l-għan, ukoll meta wieħed jifli l-proporzjonalita' tagħhom;

"Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha ħareġ mill-provi mressqa li biċċa sewwa mill-penali amministrattivi li minnhom jilmenta r-rikorrent huma magħmula minn taxxa li r-rikorrent innifsu iddikjara bħala li kienet dovuta imma li ma ħallasx[84] jew min nuqqas ta' tressiq ta' denunzji f'waqthom;

"Illi r-rikorrent jgħid li s-sanzjonijiet li ġarrab u l-liġi li tippermettihom u tipprovdi dwarhom huma sproporzjonati għall-aħħar u minnhom infushom kefrin, arbitrarji u mhux raġonevoli. Iżid jgħid li saħansitra il-liġi lanqas biss tikkontempla u wisq anqas tipprovdi dwar ix-'*short-payment penalty*'. Huwa jilminta li l-Kap 406 jinkorpora normi li fil-ġabra tagħhom "joħolqu sistema ta' mgħax u penali amministrattivi li joħolqu piż eċċessiv fuq il-privat b'tali mod illi jiżvestu lill-individwu mid-dritt tiegħu għall-proprjeta'"[85]. Fit-trattazzjoni tiegħu tal-għeluq, jirreferi għas-sistema applikabbli bħala wieħed immorali u li tnissel "użura istituzzjonalizzata"[86];

"Illi l-intimati wrew kif il-penali imposti għat-tressiq tard ta' denunzja jew in-nuqqas ta' ħlas f'waqtu tal-ammont ta' taxxa li jkun ġie denunzjat huma mħarsa b'dispożizzjoni ta' liġi[87] u li din ix-'*short-payment penalty*' hija '*capped*'. Il-Qorti tqis li, fiż-żmien rilevanti li dwaru jilminta r-rikorrent, kien hemm xi ċirkostanzi fejn dik il-penali (u l-imgħaxijiet) setgħu jitħassru taħt skemi ta' inċentivi jew amnestiji li tfasslu minn żmien għal ieħor mill-awtoritajiet[88]. Minħabba li r-rikorrent naqas li japplika jew ma ressaqx applikazzjoni minħabba li ma kienx wettaq il-kundizzjonijiet li bis-saħħa tagħhom seta' jibbenefika mill-istess skemi, ir-rikorrent tilef l-opportunita' li ngħatatlu f'dan ir-rigward;

---

84 Ara Dokti "AJ16" sa "AJ19" f'paġġ. 932 – 8 tal-proċess

85 Rikors promotur f'paġ. 6 tal-proċess

86 Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 959 tal-proċess

87 Art. 38(1) tal-Kap 406

88 Ara, b'eżempju, A.L. 456 tal-2011 (L.S. 406.18). B'seħħ minn Marzu tal-2014 daħlu fis-seħħ ukoll regolamenti oħrajn fl-istess sens bis-saħħa ta' A.L. 107 tal-2014 (L.S. 406.20) imma dawn ma kenux disponibbli lir-rikorrent fiż-żmien li fetaħ din il-kawża.

"Illi dwar l-imgħaxijiet, il-liġi wkoll tistabilixxi d-dekorrenza tagħhom[89] u tirregola wkoll ir-rata dovuta fuq kull taxxa li tibqa' ma titħallasx[90]. Imma minħabba li dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi ma kinux għadhom daħlu fis-seħħ f'biċċa l-kbira miż-żmien rilevanti tal-każ tar-rikorrent, il-Qorti ma tistax tapplikahom għalih. Tgħid biss li l-fatt li l-leġislatur deherlu li kellu jagħmel l-imsemmija regolamenti b'rata 'kontrollata' ta' mgħax kull xahar (ir-rata llum applikabbli hija ta' 0.54% fuq it-taxxa dovuta) mir-rata li kienet titħaddem fiż-żminijiet ta' qabel tixhed li, qabel dan, ma kienx hemm kontroll xieraq biex ma jintalbux rati li setgħu ma kinux proporzjonati;

"Illi fil-qafas ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti ma tarax li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 83(3) tal-Kap 406 jiksru l-element ta' proporzjonalita' bejn il-mezzi li għalihom jaħseb (partikolarment fir-rigward tal-penalitajiet amministrattivi u l-imgħax) u l-għan imfittex, kif irid l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll;

"Illi għalhekk il-Qorti ma ssibx li r-rikorrent seħħlu jipprova li huwa ġarrab ksur tal-jedd imħares b'dak l-artikolu, u għaldaqstant ir-raba' u s-sitt talbiet tiegħu mhumiex sejrin jintlaqgħu;

'Illi dan ifisser li l-Qorti lanqas ma hija sejra tilqa' s-**seba' talba tar-rikorrenti** minħabba li hija konsegwenzjali għar-raba' u s-sitt talbiet. Jidher iżda li bis-saħħa ta' bidliet li ddaħħlu fil-liġi matul iż-żmien li l-kawża kienet miexja, id-Dipartiment innifsu irreveda l-penali u l-imgħaxijiet li jippretendi li huma lilu dovuti mir-rikorrent;

"Illi fit-**tmien talba** tiegħu r-rikorrent jitlob li l-Qorti ssib li huwa ġarrab danni minħabba l-ksur tal-jeddijiet fundamentali li minnhom jilminta. Minn kemm tressqu provi f'din il-kawża ma ħarġet l-ebda prova ta' dannu li r-rikorrenti ntwera li ġarrab. Ir-raġunijiet li huwa jsemmi bħala l-għeruq tad-diffikultajiet finanzjarji li sab ruħu fihom ma tnisslux mill-għemejjel tad-Dipartiment, imma minn kwestjoni privata mas-sieħeb tiegħu fin-negozju. Għalkemm isemmi xi opportunita' ta' bejgħ mitlufa minħabba l-miżuri meħuda mid-Dipartiment bl-iskrizzjoni ta' privileġġ fuq xi ġid ta' waħda mill-kumpanniji mmexxijja mir-rikorrent, ma ntweriex li dik il-miżura ssarrfitlu f'dannu. Jidher li kredituri partikolari tal-istess rikorrent u tal-kumpanniji tiegħu kienu diġa' nedew proċeduri biex jippruvaw jiġbru dak li kellhom jieħdu. Fuq kollox, dwar din it-talba r-rikorrent lanqas lissen imqar l-iċken sottomissjoni fit-trattazzjoni tal-għeluq tal-kawża;

"Illi jiżdied jingħad li minħabba li l-Qorti mhijiex sejra ssib li r-rikorrent ġarrab ksur tal-jeddijiet tiegħu kif jippretendi, joħroġ b'konsegwenza li dan l-aspett tal-kumpens jonqos ukoll. Dan jingħad għaliex fejn il-Qorti sabet li r-rikorrent ġarrab ksur tal-jedd tiegħu li ma jgħaddix darbtejn minn proċedimenti fuq l-istess ħaġa, huwa nnifsu naqas li jqajjem din il-kwestjoni fil-ħin xieraq quddiem il-Qorti kompetenti u

[89] Art. 21(4) tal-Kap 406
[90] B'seħħ mill-1 ta' Jannar tal-2014, ara A.L. 52 tal-2014 (L.S. 406.19)

saħansitra stqarr l-akkużi mressqa kontrih u baqa' ma nqediex bil-jedd tiegħu li jappella mill-kundanni mogħtijin kontrih. Il-liġi tistenna li min iġarrab xi dannu jagħmel l-almu tiegħu biex inaqqas l-effetti tagħhom, jekk tassew ikun ġarrabhom;

"Illi fin-nuqqas ta' prova dwar id-danni u tal-entita' tagħhom, il-Qorti mhijiex sejra tilqa' t-tmien talba tar-rikorrent;

"Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, id-**disa' talba** tar-rikorrent mhijiex sejra tintlaqa' għaliex ma hemm lok għal-likwidazzjoni tal-ebda kumpens ladarba ma nġabux provi tad-danni mġarrba;

"Illi fl-**għaxar talba** tiegħu r-rikorrent jilminta li ġarrab jew jista' jġarrab ksur tal-jedd tiegħu li ma **titteħidlux il-liberta' minħabba d-dejn**. Huwa jsemmi l-artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni li jipprovdi li "*Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mil-liberta' tiegħu unikament minħabba fl-inkapaċita' tiegħu li jwettaq obbligazzjonijiet kuntrattwali*";

"Illi r-rikorrent iressaq dan l-ilment għaliex wara li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali illikwidat il-multi li kellu jħallas wara li baqa' ma wettaqx l-ordni li l-istess Qorti kienet tatu fl-ewwel proċedimenti, nbdew proċeduri kontrih biex jibdlu l-imsemmija multi f'detenzjoni, wara li r-rikorrent naqas li jħallas l-istess multi;

"Illi l-imsemmi artikolu jrid jinqara flimkien mal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni u jillimita d-dispożizzjoni tiegħu dwar id-detenzjoni skond il-liġi ta' persuna għal nuqqas ta' tħaris ta' ordni skond il-liġi ta' qorti jew sabiex jiġi żgurat it-twettiq ta' xi obbligu preskritt mil-liġi[91];

"Illi l-Qorti tqis li r-rabta li tnisslet kontra r-rikorrent ma kenitx waħda kuntrattwali, imma mit-tħaddim ta' liġi penali li ġabitlu l-konsegwenzi tal-ksur tagħha. Għalhekk, il-Qorti tqis li dak l-artikolu ma jgħoddx għaċ-ċirkostanzi li jinsab fihom ir-rikorrent illum;

"Illi dan qiegħed jingħad ukoll fid-dawl tal-fatt li l-Qorti sabet ksur tal-prinċipju tan-*ne bis in idem* fir-rigward tat-tieni proċedimenti u sejra tipprovdi dwaru f'talba oħra (il-ħdax-il talba) b'mod li ma jibqax iżjed il-possibilita' li r-rikorrent iġarrab il-konverżjoni tal-multi inflitti f'piena ta' ħabs;

"Illi għalhekk, il-Qorti ma ssibx li l-għaxar talba tar-rikorrent hija mistħoqqa u mhix sejra tilqagħha;

"Illi fil-**ħdax-il talba** tiegħu r-rikorrent jitlob it-tħassir tas-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) safejn instab ħati. Din it-talba trid titqies fid-dawl tal-ilmenti li r-rikorrent ressaq. Trid titqies ukoll safejn din il-Qorti sabet li r-rikorrent ġarrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu. Hija ħaġa ċerta li t-talba taħt eżami ma tirreferix għal kull sentenza

[91] Art. 5(1)(b) tal-Konvenzjoni

moghtija kontra r-rikorrent u jekk dan kien il-ħsieb tar-rikorrent jingħad minnufih li dan mhux mistħoqq. Hawnhekk il-Qorti terġa' ssemmi d-distinzjoni bejn l-ewwel proċedimenti u t-tieni proċedimenti. Ladarba sabet li t-tieni proċedimenti ttieħdu bi ksur tal-prinċipju tan-*ne bis in idem* huwa fir-rigward biss tas-sentenzi mogħtijin f'dawk il-proċedimenti li l-ħdax-il talba tar-rikorrent tista' tintlaqa';

"Illi biex jitneħħa kull ekwivoku, is-sentenzi li l-Qorti tirreferi għalihom huma biss dawk li jirrigwardaw il-'likwidazzjoni' tal-multi inflitti fuq ir-rikorrent talli ma qagħadx għas-sentenzi mogħtijin kontrih fl-ewwel proċedimenti (it-tieni proċedimenti) u mhux għas-sentenzi li sabu lir-rikorrent ħati li naqas li jressaq f'waqthom id-denunzji tat-taxxa (l-ewwel proċedimenti). Dawn is-sentenzi (tal-ewwel proċedimenti) jibqgħu bla mittiefsa u mhumiex sejrin jitħassru għaliex fir-rigward ta' dawk is-sentenzi (u l-proċedimenti li wasslu għalihom) ma nġabet l-ebda raġuni tajba li turi li fihom ir-rikorrent ġarrab ksur ta' xi jedd fundamentali tiegħu. F'dan r-rigward il-Qorti tirreferi għall-provi dokumentali li jirrigwardaw il-proċeduri u s-sentenzi kollha mogħtijin mill-Qorti tal-Maġistrati kontra r-rikorrent[92] u tgħid li l-ħdax-il talba għandha tintlaqa' b'riferenza għal dawk is-sentenzi li jirreferu għal "penali" u mhux dawk li jirreferu għal "returns";

"Illi għalhekk u f'dan is-sens kif imfisser il-Qorti sejra tilqa' l-ħdax-il talba tar-rikorrent u tordna t-tħassir tas-sentenzi tat-tieni proċedimenti;

"Illi fl-aħħarnett fit-**tnax-il talba** tiegħu, ir-rikorrent talab li din il-Qorti tagħti kull rimedju, direttiva u kumpens li jidhrilha xieraq. Din it-talba ma żżid xejn aktar minn dak li diġa' ngħad u tqies f'din is-sentenza. Għalhekk il-Qorti ma għandhiex xi tqis aktar dwarha".

## L-Appelli tal-Partijiet

18. Iz-zewg partijiet, kemm l-attur kif ukoll il-konvenuti, prezentaw appell mis-sentenza finali fil-21 ta' April 2016 u, filwaqt li l-konvenuti rrispondew ghall-appell tal-attur b'risposta prezentata fl-4 ta' Mejju 2016, l-attur ma prezenta ebda risposta ghar-rikors tal-appell tal-konvenuti.

[92] Ara d-Dokti "CA130" sa "CA134" f'paġġ. 877 sa 881 tal-proċess

19. L-Appell tal-konvenuti mis-sentenza finali huwa bazat fuq zewg aggravji: [1] li l-ewwel Qorti ma kellhiex issib ksur tal-principju *ne bis in idem* kontemplat fl-Artikolu 39[9] tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni u, [2] li r-rimedju moghti ma kellux ikun it-thassir tas-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati, u fi kwalunkwe kaz, dikjarazzjoni waheda ta' sejbien ta' ksur tad-dritt fundamentali tal-attur kellu jkun rimedju gust u effettiv ghall-attur. Il-konvenuti jelenkaw dawn l-aggravji bhala "it-Tielet Aggravju" u r-"Raba' Aggravju".

20. Ghaldaqstant qed jitolbu li s-sentenza finali tigi mhassra f'dik il-parti fejn laqghet it-talbiet tal-attur u fejn gie ordnat li l-ispejjez tas-sentenza preliminari jibqghu kif decizi f'dik is-sentenza u, minflok, tilqa' t-tlett eccezzjonijiet preliminari, bl-ispejjez taz-zewg decizjonijiet u taz-zewg istanzi kontra l-attur.

21. L-attur qed jibbaza l-appell tieghu fuq hames aggravji: [1] li l-ewwel Qorti interpretat hazin il-kuncett ta' *criminal charge* ghall-fini tal-Konvenzjoni, [2] li l-penali amministrattivi applikati fil-konfront tieghu huma palezament sproporzjonati u b'hekk lezivi tad-dritt fundamentali tieghu ta' proprjeta`, [3] li parti mid-dejn li kkreja r-responsabbilita` kriminali ma kien xejn hlief dejn civili, [4] li l-ewwel Qorti injorat il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea li tapplika l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni

taht il-branka kriminali tieghu ghal kawzi kollha tas-*surcharges* u, [5] li L-attur ma nghatax rimedju effettiv.

22. Ghaldaqstant qed jitlob li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza finali fejn l-ewwel Qorti laqghet it-talbiet tieghu u tirriformaha fejn l-istess Qorti cahdet it-talbiet tieghu u, minflok, tilqaghhom kif mitluba, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti.

23. Il-konvenuti wiegbu ghal dan l-appell b'risposta prezentata minnhom fl-4 ta' Mejju 2016 li permezz taghha qed jitolbu li, ghar-ragunijiet hemm spjegati, tichad l-appell tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**L-Aggravji**

*It-Tielet Aggravju tal-konvenuti [ne bis in idem]*

24. Dan hu dirett lejn dik il-parti tas-sentenza finali fejn l-ewwel Qorti sabet li l-attur garrab ksur tal-jedd tieghu taht l-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll konvenzjonali fir-rigward tat-tehid kontra tieghu tat-tieni procedimenti kriminali li permezz taghhom huwa kien gie kkundannat ghall-hlas ta' multa 'rizultat ta' sentenzi ohra li nghataw kontrih qabel minn dik l-istess Qorti dwar l-istess fatti'. Il-konvenuti jsostnu li l-

procedimenti li jittiehdu biex jikkwantifikaw dak li ghalih l-akkuzat kien kundannat dwaru fl-ewwel procedimenti ma kellhomx jitqiesu bhala procedimenti ohra separati ghall-finijiet tal-“bis”.

25. Din il-Qorti tirribadixxi[93] li l-punti krucjali li ghandhom jigu ezaminati sabiex jigi determinat jekk il-proceduri kriminali mehuda fil-konfront tal-attur humiex lezivi tad-dritt tieghu kontemplat fl-artikolu fuq citat huma: [a] jekk il-multi amministrattivi jikkwalifikawx bhala multi ta’ natura penali imposti bl-iskop punittiv sabiex jservu bhala deterrent u, [b] jekk dawk il-multi kienux diga` gew imposti fuq l-attur u kinux ghadhom pendent meta ttiehdu l-proceduri kriminali kontra tieghu.

26. Din il-Qorti kellha diga okkazzjoni li tezamina cirkostanzi simili fil-kaz **David Mifsud v. Onor. Prim Ministru et** deciz fl-24 ta’ Gunju 2016. F’dak il-kaz gew identifikati is-segwenti principji in materja applikabbli wkoll ghall-kaz odjern:

> “... f’kaz recenti *Grande Stevens v. Italy*, il-Qorti Ewropea ghamlet is-segwenti enuncjazzjonijiet dwar dan id-dritt fundamentali:
>
> > “‘220. The guarantee enshrined in Article 4 of Protocol No. 7 becomes relevant on commencement of a new prosecution, where a prior acquittal or conviction has already acquired the force of res judicata. …….
> >
> > “‘221. The Court’s inquiry should therefore focus on those facts which constitute a set of concrete factual circumstances involving the same defendant and inextricably linked together in time and space, the existence of which must be demonstrated in order to secure a conviction or institute criminal proceedings [see Sergey Zolotukhin, cited above, § 84]……

[93] Ara Q.Kos **Robert Ciabtar v. Onor.Prim’ Ministru**, *deciza llum stess*

...........omissis ……….

“229…… administrative sanctions may, for the purposes of the application of the Convention, be qualified as criminal sanctions [see paragraph 61 above]. Further, in its Åklagaren v. Hans Åkerberg Fransson judgment, on the subject of value-added tax, the ECJ stated that, under the ne bis in idem principle, a State can only impose a double penalty [fiscal and criminal] in respect of the same facts if the first penalty is not criminal in nature”[94]…[sottolinear ta’ din il-Qorti]

...........omissis...........

“74. Imiss issa li jigi ezaminat jekk giex vjolat id-dritt fundamentali tal-attur, li ma jigix sentenzjat jew kastigat darbtejn ghall-istess fatti, bit-tehid ta’ proceduri penali kontra tieghu meta kienu diga imposti fuqu multi amministrattivi minn naha tal-Kummissarju.

“75. Jirrizulta kif ben osservat l-ewwel Qorti, illi l-Kap. 406 jikkontempla li persuna registrata li tonqos milli tipprezenta d-denunzji fil-hin, tehel multi amministrattivi sostanzjali u imghax fuqhom. Ukoll jinsab assodat fil-gurisprudenza Ewropea kostanti in materja[95] illi, in kwantu l-multi amministrattivi jew penalitajiet u l-imghax fuqhom huma intizi sabiex iservu ta’ deterrent u bhala mizuri punitivi u kemm-il darba dawn ikunu f’ammonti sostanzjali allura jikkwalifikaw bhala ‘criminal penalty’.

“76. Huwa dan il-fattur ta’ konkorrenza tal-multi amministrattivi u multi imposti mill-qrati kriminali li seta’ jwassal ghall-vjolazzjoni tal-principju tan-ne bis in idem ……….

“77. …….. fil-fehma ta’ din il-Qorti dak li huwa vjolattiv tal-principju tan-ne bis in idem mhumiex il-proceduri kriminali wahedhom izda l-fatt li dawn il-proceduri kienu ttiehdu fl-istess zmien li fih il-Kummissarju kien diga impona fuq l-attur multi amministrattivi sostanzjali ghall-istess nuqqas li kien jifforma l-mertu tal-proceduri kriminali”.

27. Fil-kaz odjern jirrizulta illi ghall-istess nuqqasijiet tal-attur, jigifieri ghall-inottemperanza tieghu illi jissottometti d-denunzji relattivi ghal diversi perijodi u wkoll naqas milli jaffettwa l-pagamenti shah, l-attur mhux biss wehel multi amministrattivi sostanzjali li jikkwalifikaw bhala ta’ natura penali, in kwantu intizi sabiex iservu ta’ punizzjoni u ta’ deterrent,

[94] Applic. No 18640/10; **Grande Stevens v. Italy**, 7 ta’ Lulju 2014.
[95] Vide fost ohrajn **Ozturk v. Germany** App No 8544/79 [1984] u **Ruotsalainen v. Finland** App No 13079/03 [2009] u **Grande Stevens v. Italy** su-citata.

izda ttiehdu wkoll proceduri kriminali kontra tieghu, li wasslu ghal kundanni kontra tieghu mill-Qorti tal-Magistrati.[96]

28. Dan iwassal ghall-konkluzjoni li, ladarba ghan-nuqqas tal-attur kienu qed jigu imposti multi amministrattivi li jikkwalifikaw bhala ta' natura penali allura l-proceduri kriminali gudizzjarji fuq l-istess nuqqasijiet mehuda kontra tieghu kienu vjolattivi tal-principju protett bl-artikolu konvenzjonali fuq citat. Din il-Qorti tirribadixxi li l-Artikolu 83(3) tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta[97] huwa inkonsistenti mal-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni, in kwantu dak is-subinciz jipprospetta proprju sitwazzjoni bhal dik odjerna fejn persuna, oltre l-impozizzjoni ta' multa amministrattiva sostanzjali, tigi sottoposta wkoll ghal proceduri penali quddiem il-Qorti tal-Magistrati dwar l-istess nuqqas.

29. Inoltre jigi osservat li l-fatt illi l-attur seta' jibbenefika minn skema ta' amnestija ma jimmilitax kontra l-konkluzjoni kontenuta fil-paragrafu precedent, in kwantu li l-vjolazzjoni kienet ga sehhet bit-tehid tal-proceduri gudizzjarji meta kienu gia imposti fuqu l-multi amministrattivi.

30. Din il-Qorti tkompli tosserva li l-ksur tal-principju tan-*ne bis in*

---

[96] Vide sentenza tas-26 ta' April 2006 a fol 65 u sentenza tal-15 ta' Ottubru 2009 a fol 69.

[97] Dan jipprovdi:
*"(3) Il-bidu ta' proċedimenti jew l-impożizzjoni ta' piena għal xi reat taħt din it-Taqsima ma għandhomx jeħilsu lil xi persuna minn prosekuzzjoni taħt xi liġi oħra jew mill-obbligu ta' ħlas ta' xi taxxa jew penali amministrattiva li għandha jew li jista' jkollha taħt dan l-Att u l-bidu ta' proċedimenti jew l-impożizzjoni ta' xi piena għal xi reat taħt xi liġi oħra jew il-ħlas ta' xi taxxa jew penali amministrattiva taħt dan l-Att ma għandhomx jeħilsu lil xi persuna minn xi prosekuzzjoni jew piena taħt din it-Taqsima".*

*idem* ma sehhx minhabba l-impozizzjoni tal-multi amministrattivi u imghaxijiet fuqhom, izda sehh bil-ftuh tal-proceduri kriminali kontra l-attur fiz-zmien meta kienu diga` gew impost fuqu dawk il-multi ghall-istess fatt penalizzat bil-multi amministrattivi. Huma ghalhekk il-proceduri kriminali li jmorru kontra l-imsemmi principju sancit fl-artikolu precitat u mhux il-multi amministrattivi u l-imghaxijiet fuqhom.

31. Rigward l-osservazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti li l-multi maghrufa bhala *short payment penalties* ma jistghux jitqiesu bhala "piena jew kastig kriminali" imma huma biss mizuri ta' deterrent ga ladarba huma jistghu jthassru ghal kollox jew jinhafru jekk it-taxpayer jottempera ruhu mal-ligi, din il-Qorti tosserva li dan ma jipprivahomx mill-karattru punittiv taghhom. Wara kollox anke l-multi imposti mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] jistghu jinhafru, mhux biss mill-President ta' Malta izda anke mill-istess Qorti tal-Magistrati skont it-termini tal-Artikolu 76 tal-Kap 406.[98]

32. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi respint.

*Ir-Raba' Aggravju tal-konvenuti [rimedju]*

---

19.Dan l-artikolu fil-parti relevanti tieghu jaqra hekk: " izda persuna li taghmel ir-reat tista', sa zmien tletin gurnata mid-data tad-decizjoni finali, taghmel rikors lill-Qorti li sabitha hatja, u titlob mahfra shiha jew parzjali tal-penali imposta that dan l-artiklu. Il-Qorti tista' tikkoncedi mahfra shiha jew parzjali ta' din il-penali kemm il-darba l-prosekuzzjoni, bi qbil bil-miktub mal-Kummissarju li ghandu jkun maghmul ma' kull risposta ghal tali rikors taqbel ma'dan ir-rikors. Kull rikors bhal dan ghandu jigi notifikat lill-prosekuzzjoni li ghandha tirrispondi fi zmien hmistax-il gurnata xoghol meta tigi notifikata".

33. Dan jirrigwardja dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti ordnat it-thassir ta' parti mis-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Malta], ghax skont dik il-Qorti dawn huma vjolattivi tad-dritt fundamentali tal-attur sancit fl-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni. Il-konvenuti jsostnu li s-sentenzi mhassra ma humiex fil-fatt vjolattivi ta' dak l-artikolu konvenzjonali.

34. Inoltre, jissottomettu li, anke jekk din il-Qorti ssib lezjoni ta' dak l-artikolu konvenzjonali fil-konfront tal-attur, xorta wahda r-rimedju ta' dikjarazzjoni waheda ta' ksur ta' dak id-dritt huwa rimedju gust u effettiv bizzejjed ghall-attur. Ikomplu jissottomettu, li bid-dhul fis-sehh tal-Att IV tas-sena 2013[99], fejn l-attur issottometta d-denunzji, anke jekk minghajr hlas, diga` ibbenefika minn tnaqqis sostanzjali jew addirittura thassir tal-multa *per diem.*

35. Din il-Qorti tosserva li, ladarba l-vjolazzjoni tal-artikolu konvenzjonali fuq citat sehhet bit-tehid tal-proceduri kriminali kontra l-attur, meta kien ghad hemm gia imposti fuqu multi amministrattivi severi, isegwi li l-ewwel rimedju effettiv ghandu jkun it-thassir tas-sentenzi kollha, flimkien mad-digrieti relattivi, moghtija mill-Qorti tal-

[99] Bis-sahha ta' dan l-Att gie emendat l-Artikolu 76 tal-Kap 406 li jirreferi ghall-multi imposti mill-Qorti

Magistrati [Malta] fil-konfront tal-attur, b'mod li allura dawn ma jkunux aktar enforzabbli.

36. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*L-Ewwel Aggravju tal-Attur [Kuncett ta' Criminal Charge]*

37. Dan hu fis-sens li, bil-fatt li l-ewwel Qorti ma sabitx ksur tal-principju tan-*ne bis in idem* fir-rigward tal-attur ghar-rigward tal-effett abbinat tal-multi amministrattivi u l-procedura u l-piena kriminali, dik il-Qorti interpretat hazin il-kuncett ta' *criminal charge* ghall-fini tal-Konvenzjoni ghaliex, skont hu, [i] injorat kompletament l-insenjamenti precedenti tal-qrati kostituzzjonali, inkluza din il-Qorti, kif ukoll tat-Tribunal Amministrattiv, [ii] applikat hazin l-Engel Criteria u, [3] immizinterpretat n-natura legali tal-mizuri punittivi.

38. Fir-rigward tal-partita [i] huwa jiccita l-kazijiet fl-ismijiet **John Geranzi Limited v. Kummissarju tat-Taxxi Interni**, **Il-Pulizija v. Godwin Muscat** u l-kaz ricenti ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Angelo Zahra v. Onor. Prim Ministru**. Jiccita wkoll b'mod estensiv provvediment moghti mit-Tribunal Amministrattiv fl-ismijiet **Ramon Anastasi v. Kummissarju tat-Taxxa** fejn gie deciz li ghall-finijiet tal-Konvenzjoni l-multi tal-VAT huma *criminal charge*.

39. L-attur isostni li s-sentenza appellata tikkontjeni nozzjoni zbaljata dwar in-natura tal-multi amministrattivi li jmorru kontra l-pronunzjament tal-qrati, inkluz ta' din il-Qorti. Jghid li meta wiehed jipparaguna l-mizuri punittivi fil-kaz odjern ma' dawk f'kawzi succitati wiehed isib illi fil-kaz odjern il-penali u l-imghaxijiet kienu ferm aktar "krudili" minn dawk tal-maggjoranza tal-kazijiet succitati.

40. Fir-rigward tal-partiti [ii] u [iii] l-attur jaghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti Ewropea fil-kaz fl-ismijiet *Nydanen v Finland*[100] fejn dik il-Qorti osservat li f'dak il-kaz:–

> "tax surcharges were imposed by general legal provisions applying to all taxpayers generally. Further under Finish law the tax surcharges were not intended as pecuniary compensation for damage but as a punishment to deter re-offending. The surcharges were thus imposed by a rule the purpose of which was deterrent and punitive……. notwithstanding the minor nature of the surcharge".

41. Ikompli jissottometti li fil-kaz odjern, tenut kont tas-severita` tal-multi, ghandu jirrizulta car li dawn huma kemm mizuri ta' deterrent kif ukoll mizuri punittivi u, il-fatt li dawn jistghu jinhafru ma' jiznaturahomx minn natura kriminali taghhom. Wara kollox anke l-pieni imposti fi proceduri kriminali jistghu jinhafru b'mahfra presidenzjali jew b'ammnestija.

[100] App.11828/11

42. Din il-Qorti, fir-rigward, taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula minnha fl-ezami tat-tielet aggravju tal-konvenuti b'referenza ghad-dritt fundamentali tan-*ne bis in idem* protett bl-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni u, abbazi tal-istess konsiderazzjonijiet, tikkonsidra dan l-ewwel aggravju tal-attur bhala fondat in kwantu l-akkuza tal-fatt jew tal-ghemil li hu soggett ghal multi amministrattivi ingenti u l-imghaxijiet relattivi tikkwalifika bhala *criminal charge,* bir-rizultat li l-proceduri kriminali gudizzjarji ghall-istess nuqqasijiet u ghall-istess perijodi huma vjolattivi tal-artikolu fuq citat.

43. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat u qed jigi milqugh.

*It-Tieni Aggravju tal-attur [Proporzjonalita`]*

44. Dan hu fis-sens li l-penali applikati versu l-attur huma palesament sproporzjonati u b'hekk lezivi tad-dritt ta' proprjeta`. Huwa jfisser hekk dan l-aggravju:

> "……… fil-kaz odjern ghandek kaz fejn fuq taxxa mhux imhallsa gew impost mizuri punittivi ta' eluf kbar tlett darbiet jew aktar mit-taxxa allegatament dovuta. In-numri jitkellmu wahdehom u n-nuqqas ta' proporzjonalita` hija palezi. Dan in-nuqqas ta' proporzjonalita` jikser id-dritt ghall-proprjeta`. Il-fatt illi din is-sistema ta' penali hija proporjonata tixhed l-istess storja fiskali. Illum il-gurnata dan ir-regim sproporzjonat tnehha, izda meta tnehha, tnehha biss prospettivament u mhux retrospettivament. Ghalhekk l-esponent baqa' maqbud that ir-regim l-antik. ……… dwar dan il-punt anke s-sentenza appellata ghamlet osservazzjonijiet illi jissugeixxu illi taht ir-regim l-antik l-imghax kien jiddekorri minghajr kontroll izda [l-ewwel Qorti] naqset

milli taghti rimedju effettiv. Rimedju gust kellu jinkludi l-impozizzjoni ta' rata 'kontrollata' anke ghall-passat.

"..inoltre, in-nuqqas ta' proporzjonalita` tissussisti minhabba id-dettami tal-Ligi dwar il-VAT u kif huma gestiti l-hlasijiet maghmula mit-taxpayer, u kif gara f'dan il-kaz. Dan ghaliex fejn kif jirrizulta mill-provi ir-rikorrent ghamel pagament sostanzjali ta' kwazi €70,000 espressament akkont tat-taxxa talvolta dovuta, din, minflok, ittiehdet akkont ta' imghaxijiet u penalitajiet sabiex b'hekk ir-rikorrent gie mitqies bhallikieku ma hallasx taxxa xejn u baqa' jinkorri imghax u multi amministrattivi li kien qed jikkontesta".

45. Din il-Qorti fl-ewwel lok, tosserva in tema legali li, minnkejja li l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni fit-tieni paragrafu[101] tieghu jinkludi fost l-eccezzjonijiet ghar-regoli enuncjati fl-ewwel paragrafu tieghu mizuri imposti mill-iStati Membri diretti ghal gbir tat-taxxa, hu principju affirmat mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea li, anke fir-rigward ta' tali mizuri, ghandu jibqa' mhares il-principju tal-proporzjonalita` bejn minn naha l-wahda l-interessi tas-socjeta` in generali li t-taxxi dovuti jingabru u minn naha l-ohra l-interess tal-individwu li l-proprjeta` tieghu ma tigix soggetta ghar-rata ta' taxxa li twassal ghal ammonti ezorbitanti. Dan ifisser ukoll li, minkejja li l-iStati Membri ghandhom margini wiesa' ta' x'mizuri jimponu ghal gbir tat-taxxa, dawn il-mizuri ghandhom ikunu fil-parametri tal-principju tal-propozjonalita` liema principju huwa inerenti fil-Konvenzjoni kollha.

46. Hekk, l-awtrici Karen Reid tosserva:

[101] Dan jaqra hekk: "Izda d-dispozizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xieraqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta' skond l-interess generali jew biex jizgura l-has ta' taxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni".

> "Many issues centre on the conflict between an individual and the good of the general amorphous mass of society: things like roads; taxes; airports; preservation of the countryside are arguably to everyone's benefit. Proportionality examines whether providing them places too much of a burden on certain individuals".[102]

47. Il-Qorti Ewropea fil-kaz **Affaire Mamidakis v. Greece**[103] esprimiet ruhha hekk fir-rigward:

> "47. Quant a' l'exigence de proportionnalite entre l'ingerence dans le droit du requerant et le but d'intdret general poursuivi, la Cour ne peut que constater l'importance de l'amende infligee. En effet, elle rappelle que le requerant se vit imposer, a' titre personnel, une amende d'un montant total de 3 008 216 euros et fut par ailleurs declare conjointement responsable pour le paiement des amendes imposees a' d'autres personnes pour violations douanieres, d'un montant total de 4 946 145 euros. A n'en pas douter, il s'agit de sommes extremement elevees, allant jusqu'au decuple des taxes frappant l'objet de l'infraction; cette situation amena par ailleurs les juges dissidents du Conseit d'Etat a' considerer que l'amende litigieuse constituait une charge exorbitante me me pour de tres grandes entreprises et qu'it en resultait ainsi une confiscation de facto de la propriete du requerant, en violation de l'article I du Protocole no I (voir ci-dessus, paragraphe 15 in fine).
>
> "48. Dans ces circonstances, meme en tenant compte de la marge d'appreciation dont disposent les Etats contractants en cette matiere (voir, BaW c. Slovaquie (dec.), no *60243/00,* 16 septembre 2003 Valico S.r.l. c. Italie (dec.), no *70074/01,* 21 mars 2006), la Cour estime que l'imposition de l'amende en question a porte' une telle atteinte a' la situation financiere du requerant qu'il s'agissait d'une mesure disproportionnee par rapport au but legitime qu'elle poursuivait. Partant, il y a eu violation de l'article I du Protocole no 1".[104]

---

[102] A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Righta" 4th ed. Pg.67 – citat ukoll fis-sentenza appellata

[103] App. 35533/04, deciz 11 ta' Jannar 2007s

[104] Sommarju ta' din is-sentenza, li hija pubblikata biss bil-lingwi Franciza u Grieka, relattivament ghall-principju tal-proporzjonalita' jaqra hekk: "The impugned fine constituted interference with the right guaranteed by the first paragraph of Article 1 of Protocol No. 1, because it had deprived the applicant of a possession, namely the amount that he was required to pay. That interference was justified in accordance with the second paragraph of that Article, which expressly provided for a derogation where the payment of taxes or other contributions or penalties was concerned. However, that principle had to be interpreted in the light of the general principle referred to in the first sentence of the first paragraph and there thus had to be a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised. Accordingly, the financial obligation arising from the payment of a fine was capable of impairing the guarantee enshrined in that provision if it imposed an

48. Fil-kaz **Gasus Dosier v. The Netherlands** il-Qorti Ewropea, filwaqt li affermat il-principju li l-iStati Membri ghandhom margini wiesa' ta' apprezzament dwar il-mizuri addottati mill-awtoritajiet tat-taxxa fil-ligi domestika, xorta wahda osservat li dawn il-mizuri ghandhom jikkonformaw mal-principju tal-proporzjonalita`. Di fatti f'dak il-kaz il-Qorti Ewropea ghamlet ezami ta' dan il-principju, ghalkemm sabet li fic-cirkostanzi ta' dak il-kaz il-principju tal-proporzjonalita` ma kienx gie vjolat. Hija relevanti l-osservazzjoni maghmula minn dik il-Qorti fir-rigward tal-mizuri addottati mill-iStati Membri ghall-gbir u enforzar tat-taxxi:–

> "66. Consequently a legislature may in principle resort to that device [mizuri ta' impozizzjoni ta' taxxi] to ensure, in the general interest, that taxation yields as much as possible and that tax debts are recovered as expeditiously as possible. Nonetheless, it cannot be overlooked that, quite apart from the dangers of abuse, the character of legislation by which State creates such powers for itself is not the same as that of legislation granting similar powers to narrowly defined categories of private careditors. Consequently, further <u>examination of the issue of proportionality is necessary in this case</u>".[105]

49. Fid-dawl tal-premess din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti fejn dahlet fl-ezercizju li tezamina jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi ta' dan il-kaz,

---

excessive burden on the person concerned or fundamentally affected his financial situation. In the present case the impugned interference had been in conformity with domestic legislation and satisfied the demands of the general interest, namely the punishment of smuggling. As to the requirement of proportionality between the interference with the applicant's right and the general-interest aim pursued, the fine imposed had been extremely high. In those circumstances, even taking into account the margin of appreciation enjoyed by contracting States in such matters, the imposition of the fine in question had dealt such a blow to the applicant's financial situation that it amounted to a disproportionate measure in relation to the legitimate aim pursued" [*European Court of Human Rights, Information Note on the Court's case-law No: 93, January 2007* **Mamidakis v. Greece** *- 35533/04 Judgment 11.1.2007 [Section I]*

[105] App.15375/89, deciza 23 ta' Frar 1995 – sottolinear ta' din il-Qorti

il-mizuri kontemplati fil-Kap 406 dwar il-*late payment penalties* ipoggux fuq l-attur piz sproporzjonat u eccessiv. Dak li ma taqbilx mieghu din il-Qorti hi l-konkluzjoni raggjunta minn dik il-Qorti li dawn il-multi amministrattivi, filwaqt li ssenjalat li dawn skattaw minhabba n-nuqqas tal-attur li josserva d-dispozizzjonijiet tal-ligi *de quo,* ma kinux jimponu tali piz sproporzjonat fuqu, jew ahjar fuq il-proprjeta` tieghu. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-fatti juru mod iehor, kif ser jigi spjegat aktar 'il quddiem.

50. F'dan l-istadju huwa opportun li ssir referenza ghall-ispjegazzjoni moghtija mill-konvenuti dwar ir-regim fiskali regolanti l-*late return penalties* u l-*late payment penalties*; il-konvenuti jispjegaw hekk il-pozizzjoni:

> "Illi a tenur tar-regim kurrenti maghruf bhala VAT '99 jirrizulta li *'late return penalty'* tiskatta biss meta d-denunzja tardiva tigi sottomessa, u mhux qabel. Ghalkemm din il-penali tigi kkalkolata bir-rata ta' 1% fix-xahar, jrrizulta ukoll li mill-1 ta' Jannar tas-sena 2009 gie mizjud *il-proviso* tal-artikolu 38( 1) tal-Kap 406 li jipprovdi li f'kull kaz *il-late return penalty* hija capped ghal €250: *"izda meta t-taxxa pagabbli tkun inqas minn mitejn u hamsin euro* (€250), *dik il-penali amministrattiva* ma *ghandhiex teccedi l-ekwivalenti tat-taxxa pagabbli ghall-eqreb euro jew hamsin euro* (€50) , *liema ammont ikun l-akbar,* ***u ma ghandhiex teccedi l-mitejn*** **u** ***hamsin euro [€250] f'kull kaz iehor."***;
>
> "Illi *l-'late payment penalty', amministrattivament maghrufa bhala 'short payment penalty',* jirrizulta li qabel ma l-artikolu 27(4) tal-Kap. 406 gie emendat permezz tal-Att XII tal-2004, dan kien jipprovdi li denunzja ta' taxxa ma tkunx meqjusa li ntbaghtet kemm-il darba il-pagament dovut fuqha ma jkunx thallas kollu, ossija jew ma jkunx sar ebda pagament jew ikun sar pagament parzjali biss. F'dan il-kaz. persuna registrata skont l-artikolu 10, ma kinitx tigi meqjusa li baghtet id-denunzja relattiva u ghalhekk jiskatta dak li amminstattivament jissejjah *"short payment penalty"* ai termini ta' l-artikolu 38(1) tal-Kap 406. Ghalhekk, qabel id-dhul fis-sehh ta' l-Att XII tal-2004, f'xenarju fejn denunzja tintbaghat kemm wara z-zmien perentorju li fih kellha

tintbaghat kif ukoll bla pagament jew pagament parzjali biss tinhadem il-penali talli ntbaghtet 'tard' u tibqa' tiskatta penali kull xahar sakemm il-pagament isir kollu jew il-penali tigi *'capped'* skont il-liqi. Lanqas *il-late payment penalty* ma hi kkalkolata fuq l-estimated tax, imma fuq it-taxxa iddikjarata u mhux mhallas. Anke f'dan il-kaz. *il-late payment penalty* tigi kkalkolata bir-rata ta' 1% fix-xahar. Madankollu *l-proviso* tal-artikolu 38( 1) tal-Kap 406 li dahal fis-sehh mill-1 ta' Jannar 2009 jipprovdi li f'kull kaz *il-late return penalty* hija capped ghal €250: *"izda meta t-taxxa pagabbli tkun inqas minn mitejn u hamsin euro* (€250), *dik il-penali amministrattiva* ma *ghandhiex teccedi l-ekwivalenti tat-taxxa pagabbli ghall-eqreb euro jew hamsin euro* (€50) *liema ammont ikun l-akbar,* **u *ma ghandhiex teccedi l-mitejn* u *hamsin euro [€250] f'kull kaz*** *iehor.'"*'.

51. Fil-meritu din il-Qorti tosserva li mill-provi u senjatament mill-prospett[106] prezentat mir-rapprezentanti tad-Dipartiment jirrizulta li dwar il-kumpannija Allegro Andante, filwaqt li t-taxxa dovuta ghall-perijodu bejn Settembru 2000 u Frar 2012 tammonta ghal €180,124.14, il-multi amministrattivi flimkien mal-imghax jammontaw komplessivament ghal €265,593.20.

52. B'mod aktar specifiku, u bhala ezempju, il-Qorti tosserva li t-taxxa dikjarata mill-attur bhala dovuta mill-imsemmija kumpanija rifferibbilment ghall-perijodu ta' Settembru 2000 sa Dicembru 2000 hija indikata fl-ammont ta' €9,338.46, filwaqt li l-*late return penalty* giet imposta fl-ammont ta' €3,922.15 u l-*late payment penalty* fl-ammont ta' €8,964.15. Dan ifisser li fuq l-immsemmi ammont u ghal dak il-perijodu biss skattaw multi amministrattivi fl-ammont ta' €12,886.3 – il-multi eccedew it-taxxa dovuta bit-€3,547.84, u dan ghal perijodu wiehed biss. L-applikazzjoni ta' dan ir-regim fiskali baqa' ghaddej sakemm mill-1 ta' Jannar 2009 il-

[106] Fol.155

late *return penalty* giet capped ghal kull 'tax period' ghall-ammont ta' €250. Bis-sahha tal-emendi relattivi l-pozizzjoni tal-attur in kwantu ghall-multi amministrattivi giet f'ambitu ta' dak li hu ragjonevoli u konformi mal-principju tal-proporzjonalita`, izda peress li l-ligi m'ghandhiex effett retrospettiv il-multi imposti fuq l-attur mill-1 ta' Jannar 1999 'il quddiem inkwantu ghad-dhul mill-professjoni tieghu, u minn Settembru 2000 sa Jannar 2009[107] in kwantu jirreferu ghall-kumpanniji gestiti minnu ghadhom vigenti, minkejja li jirrizulta car li huma ta' piz eccessiv u disproporzjonat fuq l-attur.

53. Barra minn hekk, u apparti minn ammonti ohra dovuti fuq tliet kumpanniji tieghu, il-konvenuti jghidu li fuq il-VAT 99 l-attur iddikjara bhala qliegh mill-professjoni tieghu l-ammont ta' €45,350.92; dawn ghadhom dovuti u fuqhom hemm multi amministrattivi fl-ammont ta' €69,143.3. Dawn l-ammonti jirrisalu ghas-sena 1999.

54. Fix-xhieda tieghu l-attur spjega kif il-multi amministrattivi sproporzjonati qeghdin ikunu ta' xkiel sabiex hu jipprova jikkonforma ruhu mal-ligi, tant li hekk kif hallas l-ammont ta Lm30,000 akkont tat-taxxa dovuta kif dikjarata minnu, dan l-ammont mar akkont tal-imsemmija multi, u "t-taxxa pura" dovuta minnu baqghet dovuta fit-totalita' taghha. Jghid li huwa tpogga f'pozizzjoni li ma seta' jhallas

[107] Di fatti l-multi imposti l-kumpanija tar-rikorrenti ghal kull perijodu ta' tlett xhur wara Jannar 2009 jilhqu l-massimu fl-ammont ta' €250 kull perijodu jew somom inferjuri [ara dokument fol.155]

ebda taxxa minghajr ma l-pagament imur kontra l-penalitajiet li huwa kien qed jikkontesta.[108]

55. Jispjega li l-ammont ingenti rapprezentanti l-multi amministrattivi u l-imghaxijiet fuqhom kienu qed jarrekawlu dannu kemm ghal dak li hu bejgh prospettiv tal-istabbli tar-restaurant [proprjeta` tal-kumpannija Allegro Andante], imma wkoll danni personali ghax il-hsieb tas-sitwazzjoni finanzjarja tieghu kien qed jaffettwalu sahhtu. L-atturi pprezenta certifikati medici f'dan ir-rigward minn diversi professjonisti, fosthom Dr Alex Lapira[109] u l-Psikjatra Dr David Cassar[110] li ccertifikaw l-istat hazin ta' sahhet l-attur. Apparti minn hekk, l-attur jispjega li kellu opportunita` li jiffinalizza l-bejgh tar-restaurant bil-konsegwenza li kien ikun fil-pozizzjoni li jhallas dak dovut minnu lid-Direttur intimat, izda l-bejgh ma setax isir minhabba, fi kliem l-avukat tas-socjeta` kompratrici prospettiva, "l-istat ipotekarju tas-socjeta` venditrici Allegro Andante Limited".[111] Fir-rigward, l-attur jissenjala li, ghalkemm kellu dejn ma' Banek lokali, in-nota ta privilegg specjali li dahhal id-Direttur intimat kontra tieghu ghas-somma ta' €335,429.77[112] kienet ta' ostakolu sabiex jirnexxilu jbiegh il-post.

---

[108] Fol.100
[109] Fol.149
[110] Fol.152 – Dan il-psikjatra kkonferma li "It is very clear that Dr.Farrugia was suffering from a marked psychiatric disorder between the years of 1999 and 2004 and very possibly for at least two further years after this and his lach of appropriate judgement needs to be understood in this context".
[111] Fol.119
[112] Fol.154

56. Fl-ittra[113] datata 7 ta' Jannar 2009 annessa mal-affidavit tieghu l-attur spjega li, minhabba l-pretensjoni tad-Direttur intimat, huwa kien fl-impossibilita` li jbiegh ir-restaurant u b'hekk ihallas il-pendenzi mad-Dipartiment koncernat. Huwa spjega kif sab ruhu f'pozizzjoni finanzjarja prekarja minhabba negozju li kien ghamel u li kien falla bil-konsegwenza li ghandu jiehu flus minn terz li min-naha tieghu baqa' inadempjenti fl-obbligazzjonijiet tieghu tant li l-attur kellu jiftah kawza kontra tieghu. Dan wassal ukoll ghas-sitwazzjoni fejn il-Banek li kien jittratta maghhom ressqu proceduri kontra tieghu ghall-krediti moghtija lilu bir-rizultat li kellu jbiegh id-dar matrimonjali sabiex jithallas id-dejn bankarju.

57. L-attur isostni li, jekk l-ammont komplessiv tal-multi amministrattivi jigu ridotti, il-bejgh tar-restaurant ikun fattibbli u hu jkun jista' jissalda l-pozizzjoni tieghu rigwardanti d-dejn tal-VAT.

58. Fid-dawl tal-premess din il-Qorti hi tal-fehma li l-multi amministrattivi, partikolarment il-*late payment penalties*, apparti milli huma sproporzjonati ghall-ghan taghhom li jassikuraw il-gbir tax-taxxa, affettwaw lill-attur b'mod li ma jistax jadempixxi obbligi finanzjarji assunti minnu fil-konfront ta' terzi, inkluz id-Direttur, peress li jirrizultaw ta' xkiel serju sabiex jirnexxielu jbiegh ir-restaurant u jissalda l-pozizzjoni tieghu mal-istess Direttur. Ghalhekk jirrizulta car li, fic-cirkostanzi, l-impozizzjoni tal-multi u l-imghax fuqhom, imposti fuq il-kumpannija

[113] Fol.120

Allegro Andante Limited, ghall-perijodu li jestendi bejn Settembru 2000 u Jannar 2009 qed jitfghu fuq l-attur personalment u fuq l-imsemmija kumpanija gestita minnu piz eccessiv u sproporzjonat.

59. Inoltre, il-fatt li l-attur ma bbenefikax mill-iskemi intizi sabiex jirriducu l-multi sostanzjalment ma jimmilitax kontra l-konkluzjoni premessa, stante li l-problema tal-likwidita` tieghu setghet tittaffa sostanzjalment biss bil-bejgh tar-restaurant. Mill-provi jirrizulta li l-attur kien applika ghal xi whud mill-iskemi applikabbli ghalih, izda minhabba l-problema tal-likwidita` ma setax juzufruwixxi minnhom.

60. Ghalhekk, tenut kont tal-fatt li dawn il-multi kif komputati huma vjolattivi tal-prinicpju tal-proporzjonalita` fl-ambitu tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni peress li jaffettwaw kwazi l-proprjeta` kollha tal-attur, partikolarment dawk relattivi ghall-imsemmija kumpannija din il-Qorti tikkonsidra li f’dan il-kaz ir-rimedju ghandu jkun dak li ghall-perijodu li jestendi mill-1 ta’ Jannar 1999 sal-1 ta’ Jannar 2009 il-multi amministrattivi kemm fir-rigward tad-dhul tieghu mill-professjoni kif ukoll fir-rigward tal-kumpanniji tieghu ghandhom jigu ridotti ghar-rati vigenti mill-1 ta’ Jannar 2009 ‘ il quddiem.

61. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat u qed jigi milqugh fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi.

*It-Tielet Aggravju u r-Raba' Aggravju tal-atturi [Smigh Xieraq]*

62. Dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti injorat il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea illi tghid li l-Artikolu 6 taht il-branka kriminali tieghu japplika ghal kawzi kollha dwar tax surcharges. Jghid li s-sentenza appellata tinjora li fil-kaz odjern l-element kriminali huwa omniprezenti. Il-kaz jinvolvi procedura quddiem qorti ta' gudikatura kriminali, kif ukoll multi li, ghar-ragunijiet fuq indikati, huma ta' natura kriminali. L-applikazzjoni tal-Artikolu 6 hija cara u lampanti.

63. Din il-Qorti tosserva li, tenut kont tal-konsiderazzjonijiet taghha dwar it-tielet aggravju tal-konvenuti u l-konkluzjoni hemm raggjunta li l-proceduri kriminali gudizzjarji kollha mehudin fil-konfront tal-attur kienu vjolattivi tat-dritt fundamentali tieghu ta' smigh xieraq inkwantu huma vjolattivi tal-principju tan-*ne bis in idem*, mhux il-kaz li din il-Qorti tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn l-aggravji.

*Il-Hames Aggravju [rimedju]*

64. Dan jirrigwardja r-rimedju moghti mill-ewwel Qorti, li skont l-attur mhuwiex effettiv. L-attur jissottometti li l-Artikolu 83[3] tal-Kap. 406

ghandu jigi dikjarat leziv anke minhabba l-fatt li dan jiddisprezza l-valur tad-dritt fundamentali tan-*ne bis in idem*.

65. L-attur jilmenta li hu, li jezercita l-professjoni ta' avukat, gie ingustament assoggettat ghall-proceduri multeplici u proceduri abbuzivi. Dawn esponewh ghal responsabbilitajiet sproporzjonati u ingusti u umiljawh bi proceduri kriminali superfluwi. Isostni li fil-kaz in ezami jirrizultaw l-estremi ghall-kumpens finanzjarju.

66. Din il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet taghha fir-raba' aggravju tal-intimat, tirribadixxi li rigward il-vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tal-attur protett bir-raba' artikolu tas-Seba' Protokoll tal-konvenzjoni, ir-rimedju ewlieni ghandu jkun dak tar-*restitutio in integrum*, jigifieri li l-attur jitpogga fl-istess pozizzjoni li hu kien fiha qabel ma nghataw is-sentenza mill-Qorti tal-Magristrati [Malta] u dan isir billi jithassru s-sentenzi kollha moghtija minn dik il-Qorti u li huma indikati fil-process odjern, kif ukoll jigu mhassra d-digrieti ta' dik il-Qorti rigwardanti l-konverzjoni tal-multi penali f'piena ta' prigunerija.

67. Rigward il-vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll kif ga fuq indikat, ir-rimedju opportun ghandu jkun dak tar-riduzzjoni tal-multi u l-imghaxijiet kif fuq ga spjegat.

68. Ghaldaqstant dan l-aggravju qed jigi milqugh fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, rigward is-sentenza preliminarli tas-17 ta' Novembru 2011, tiddeciedi billi: tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn gie deciz li l-Onor. Prim Ministru huwa legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u, minflok, tiddikjara li dan l-intimat m'ghandux legittimazzjoni passiva u konsegwentement tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju; tikkonferma s-sentenza ghal bqija;

Rigward is-sentenza finali tal-5 ta' April 2016 tiddeciedi billi:

tilqa' l-appell tal-attur billi: tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet ksur tal-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni limitatament ghat-tieni procedimenti gudizzjarji quddiem il-Qorti tal-Magistrati [Malta] u hassret is-sentenzi relattivi ghal dawk il-procedimenti u, minflok, issib li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 83[3] tal-Kap 406 fil-konfront tal-attur sar ksur tal-imsemmi dritt bis-sentenzi kollha moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] fil-konfront tieghu u konsegwentement thassar dawk is-sentenzi, jigifieri dawk elenkati fin-

noti prezentati mill-konvenuti u markati Dok AG1 sa AG15 a fol 33 sa 66;

Tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ma sabitx ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u, minflok, tiddeciedi billi ssib ksur ta' dan l-artikolu fil-konfront tal-attur u, bhala rimedju, tordna li l-multi amministrattivi mill-1 ta' Jannar 1999 'il quddiem jigu ridotti u re-komputati fuq ir-rati li bit-tibdil tal-ligi gew fis-sehh fl-1 ta' Jannar 2009 u dan referibbilment ghat-taxxa dovuta mill-attur kemm ghar-rigward tal-professjoni tieghu, kif ukoll ghal dik dovuta minnu fir-rigward tal-kumpanniji tieghu Allegro Andante Limited, Farm [Supplies & Services] Limited, CFC International Limited u Fama Trading Co.Limited; tikkonferma s-sentenza ghal bqija.

L-ispejjez tal-ewwel istanzi jibqghu kif decizi, kemm tas-sentenza preliminari, kif ukoll dawk tas-sentenza finali; l-ispejjez relatati mal-appell tas-sentenza preliminari jigu sopportati mill-partijiet nofs kull wiehed, filwaqt li l-ispejjez relatati mas-sentenza finali jigu sopportati, inkwantu ghall-appell tal-konvenuti bejn il-partijiet nofs kull wiehed, u dawk relatati mal-appell tal-attur jkunu kollha a kariku tal-konvenuti.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati ghall-finijiet tal-Artikolu 242 tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Noel Cuschieri |
| Agent President | Imhallef | Imhallef |

Deputat Registratur
mb